Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 917/2011**

tat-12 ta' Settembru 2011

li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet tal-madum taċ-ċeramika li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina

(ĠU L 238, 15.9.2011, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 567/2012 tas-26 ta' Ġunju 2012	L 169	11	29.6.2012

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 917/2011

tat-12 ta' Settembru 2011

li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet tal-madum taċ-ċeramika li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara l-kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku") u b'mod partikolari l-Artikolu 9,

Wara li kkunsidra l-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni Ewropea wara li ġie kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. PROĊEDURA

1. Miżuri provviżorji

(1) Il-Kummissjoni, permezz tar-Regolament (UE) Nru 258/2011 ([2]) ("ir-Regolament provviżorju") imponiet dazju antidumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet tal-madum taċ-ċeramika li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("iċ-Ċina").

(2) Ġiet ippubblikata rettifika ([3]) fil-31 ta' Mejju 2011 sabiex jiġu korretti ċerti żbalji tipografiċi, b'mod partikolari l-ismijiet ta' ċerti produtturi esportaturi Ċiniżi li ġew miktuba ħażin fl-Anness I tar-Regolament provviżorju.

(3) Wara l-verifika ta' ċerti pretensjonijiet riċevuti wara l-pubblikazzjoni tar-rettifika, li nstabu ġustifikati, ġie nnutat li ċerti ismijiet oħra kienu miktuba ħażin. L-ismijiet korretti għall-kumpaniji kollha soġġetti għad-dazju medju peżat huma elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(4) Qed jiġi mfakkar li l-proċedura nbdiet bħala riżultat ta' lment imressaq mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-manifatturi tal-madum taċ-ċeramika (CET) ("il-kwerelant") f'isem produtturi li jirrappreżentaw proporzjon kbir, f'dan il-każ iżjed minn 30 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-madum taċ-ċeramika. Kif stabbilit fil-premessa (24) tar-Regolament provviżorju, l-investigazzjoni tad-dumping u d-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' April 2009 sal-31 ta' Marzu 2010 ("il-perjodu tal-investigazzjoni" jew "il-PI"). Rigward it-tendenzi rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu, il-Kummissjoni analizzat dejta li tkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-aħħar tal-PI ("il-perjodu kkunsidrat").

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
([2]) ĠU L 70, 17.3.2011, p. 5.
([3]) ĠU L 143, 31.5.2011, p. 48.

▼B

2. **Il-proċedura sussegwenti**

(5) Sussegwentement għad-divulgazzjoni tal-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom ġie deċiż li jiġu imposti miżuri provviżorji ("id-divulgazzjoni provviżorja"), ħafna partijiet interessati għamlu sottomissjonijiet bil-miktub sabiex jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar il-konklużjonijiet provviżorji. Il-partijiet li talbu dan ingħataw l-opportunità li jinstemgħu u seduti ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-seduta saru fuq talba ta' żewġ partijiet interessati.

(6) Il-Kummissjoni kompliet tfittex informazzjoni li kien jidhrilha li hija meħtieġa għall-konklużjonijiet definittivi tagħha.

(7) Il-partijiet kollha ġew mgħarrfa bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien maħsub li tiġi rakkomandata l-impożizzjoni ta' dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-madum taċ-ċeramika li joriġina miċ-Ċina u l-ġbir definittiv tal-ammonti garantiti permezz tad-dazju provviżorju. Ingħataw ukoll perjodu ta' żmien li fih setgħu jagħmlu rappreżentazzjonijiet sussegwenti għal din id-divulgazzjoni.

(8) Fejn kien xieraq ġew ikkunsidrati l-kummenti verbali u bil-miktub sottomessi mill-partijiet interessati.

3. **Il-partijiet ikkonċernati mill-proċedura**

3.1. *Kampjunar tal-produtturi esportaturi Ċiniżi*

(9) Waqt l-għażla tal-kampjun tal-produtturi esportaturi, ġie inkluż "grupp" applikant ta' kumpaniji minħabba li l-volum ta' esportazzjoni kkombinat taż-żewġ produtturi inkluż fil-grupp allegat flimkien kien jagħmilhom it-tielet l-ikbar esportatur skont il-volum lejn is-suq tal-Unjoni. Dawn il-kumpaniji ddikjaraw relazzjoni bbażata fuq l-Artikolu 143(1)(b) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju ([1]) li jipprovdi li l-partijiet għandhom jitqiesu relatati jekk "huma msieħba rikonoxxuti legalment fin-negozju". Sussegwentement l-investigazzjoni żvelat li dawn il-kumpaniji ma kinux relatati f'dan is-sens u, kif imsemmi fil-premessa (35) tar-Regolament provviżorju, dawn iż-żewġ produtturi ġew trattati bħala entitajiet separati.

(10) Ħafna produtturi esportaturi għamlu sottomissjonijiet li jsostnu li dawn il-kumpaniji kellhom jiġu esklużi mill-kampjun billi ppreżentaw informazzjoni falza jew qarrieqa. Dawn il-produtturi sostnew ukoll li, konsegwentement, il-marġni medja ta' dumping peżat kellu jiġi kkalkulat mingħajr ma jiġu kkunsidrati ż-żewġ kumpaniji meħuda bħala kampjun.

(11) F'dan ir-rigward, qed jiġi nnotat li l-informazzjoni pprovduta minn dawn il-partijiet qabel l-għażla tal-kampjun ġiet ikkunsidrata suffiċjenti sabiex jiġu kkunsidrati bħala relatati u b'kunsiderazzjoni tal-volum ikkombinat tal-bejgħ tal-esportazzjonijiet tagħhom lejn is-suq tal-Unjoni ġew inklużi fil-kampjun. Wara

([1]) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

▼B

ż-żjarat ta' verifika fuq il-post ta' dawn iż-żewġ kumpaniji, il-kwistjoni tar-relazzjoni bejniethom ġiet eżaminata fid-dettall. L-informazzjoni pprovduta mill-kumpaniji bħala appoġġ għad-dikjarazzjoni tagħhom li kienu relatati ġiet verifikata iżda nstab li ma kinitx biżżejjed sabiex jiġu kkunsidrati bħala relatati, kuntrarjament għall-fehma tal-kumpaniji stess dwar din il-kwistjoni.Bħala riżultat ta' dan, ġie konkluż li dawn il-kumpaniji ma setgħux jiġu kkunsidrati bħala relatati skont l-Artikolu 143(1)(b) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93. Billi l-kumpaniji kkooperaw fl-investigazzjoni, inkluż billi pprovdew informazzjoni rigward ir-relazzjoni allegata ta' bejniethom, huwa kkunsidrat li ma hemm l-ebda raġuni sabiex jiġu esklużi mill-kampjun. F'dawn iċ-ċirkostanzi, din il-pretensjoni qiegħda tiġi miċħuda.

(12) Barra dan, anki jekk issir is-suppożizzjoni li l-għażla ta' kumpaniji oħra għall-kampjun waqt l-investigazzjoni kienet twassal għal volum konsiderevolment ikbar ta' esportazzjonijiet lejn is-suq tal-Unjoni waqt il-PI li kien qed jiġi kopert, kien ikun diffiċli, fiż-żmien disponibbli, li tiġi investigata kwalunkwe kumpanija magħżula għall-ewwel darba. Għalhekk, minkejja li nstab li dawn il-kumpaniji mhumiex relatati, il-kampjun għadu konformi mal-kriterji previsti fir-Regolament bażiku. Finalment qed jiġi osservat li ma kien hemm l-ebda evidenza li l-kumpaniji allegaw deliberatament li kienu relatati sabiex jiġu inklużi fil-kampjun.

(13) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor, il-premessi (5) u (6) tar-Regolament provviżorju b'dan qegħdin jiġu kkonfermati.

3.2. *Kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni*

(14) Wara l-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji parti partikolari sostniet li l-ebda wieħed mill-produtturi tal-Unjoni li qegħdin jappoġġaw l-ilment ma pprovdew tweġibiet kampjun u għalhekk għandu jiġi kkunsidrat li mhumiex qegħdin jikkooperaw mal-proċedura. Dan l-argument ġie sostnut wara d-divulgazzjoni finali.

(15) Rigward il-pretensjoni li n-nuqqas ta' rispons ta' kampjun jista' jindika li l-produtturi tal-Unjoni li qegħdin jappoġġaw l-ilment ma kkooperawx, qed jiġi mfakkar li l-CET kienet ir-rappreżentant legali tal-kumpaniji kollha li qegħdin iressqu l-ilment. Kif meħtieġ, il-CET ipprovdiet ukoll f'isem il-kwerelanti l-informazzjoni kumplimentari dwar id-dejta għall-PI. Kif imniżżel fid-dettall fl-Avviż tal-bidu, l-informazzjoni bl-għan li jintgħażel kampjun kienet meħtieġa biss għall-kumpaniji li kienu għandhom ma pprovdewx l-informazzjoni meħtieġa kollha. Dan ifisser li l-produtturi li qegħdin iressqu l-ilment kienu qegħdin jikkooperaw bis-sħiħ billi pprovdew l-informazzjoni meħtieġa kollha fl-istadju tal-ilment u billi l-aġġornamenti meħtieġa rigward id-dejta tal-PI ġew ipprovduti f'isimhom mir-rappreżentanti legali tagħhom waqt l-investigazzjoni.

(16) Parti interessata partikolari sostniet li d-diviżjoni tal-industrija tal-Unjoni f'segmenti differenti u l-kopertura ġeografika tal-kampjun kien jimplika li ma kienx statistikament validu. F'dan ir-rigward qed jiġi mfakkar li l-industrija tal-madum taċ-ċeramika tal-Unjoni hija frammentata ħafna b'iżjed minn 500 produtturi. Instab ukoll li l-industrija kienet irrappreżentata fit-tliet segmenti kollha tal-industrija, jiġifieri l-kumpaniji l-kbar, dawk medji u dawk żgħar.

▼B

Sabiex jiġi żgurat li r-riżultati tal-kumpaniji l-kbar ma jiddominawx l-analiżi tad-dannu iżda li s-sitwazzjoni tal-kumpaniji ż-żgħar, li meħuda flimkien jagħmlu l-ikbar sehem tal-produzzjoni tal-Unjoni, tiġi riflessa tajjeb, ġie kkunsidrat li s-segmenti kollha, jiġifieri l-kumpaniji żgħar, ta' daqs medju u dawk kbar għandhom jiġu rrappreżentati fil-kampjun. F'kull wieħed mis-segmenti, intgħażlu l-ikbar kumpaniji, bil-kundizzjoni li setgħet tiġi garantita r-rappreżentattività ġeografika.

(17) Parti interessata partikolari sostniet ukoll li l-Kummissjoni kienet naqset milli turi li l-kampjun kien għadu rappreżentattiv wara li l-produttur Pollakk kien irtira u li fi kwalunkwe eventwalità ma kienx rappreżentattiv biżżejjed f'termini ta' volum ta' bejgħ fis-suq tal-Unjoni.

(18) Huwa korrett li produttur Pollakk partikolari ddeċieda li jwaqqaf il-kooperazzjoni tiegħu u għalhekk kellu jiġi eskluż mill-kampjun. Madankollu, mhuwiex neċessarju li kampjun jirrifletti l-firxa ġeografika u l-piż eżatti tal-Istati Membri li jipproduċu sabiex ikun rappreżentattiv. Billi l-firxa ġeografika hija biss waħda mill-fatturi li għandhom jiġu kkunsidrati sabiex tiġi żgurata r-rappreżentattività, approċċ bħal dan ma kienx ikun prattikabbli mil-lat amministrattiv. Pjuttost, huwa biżżejjed li fil-parti l-kbira l-kampjun jirrifletti proporzjonijiet tal-pajjiżi l-kbar li jimmanifatturaw involuti. B'valutazzjoni skont dan il-kriterju, instab li l-irtirar tal-kumpanija Pollakka ma affettwax ir-rappreżenattività ġenerali tal-kampjun. Fuq din il-bażi, huwa kkonfermat li l-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni kien rappreżentattiv biżżejjed skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

(19) Rigward l-affermazzjoni tar-rappreżentattività ġenerali tal-kampjun qed jiġi mfakkar li minħabba li l-industrija tal-Unjoni hija frammentata ħafna, huwa inevitabbli li l-kumpaniji fil-kampjun ikopru parti relattivament żgħira tal-produzzjoni ġenerali tal-Unjoni. Fi kwalunkwe eventwalità l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku jistabbilixxi li l-investigazzjonijiet jistgħu jiġu limitati għal kampjuni li jew huma statistikament validi, jew li jikkostitwixxu l-ikbar volum rappreżentattiv ta' produzzjoni, bejgħ, jew esportazzjonijiet li jista' jiġi investigat b'mod raġjonevoli, mingħajr, madankollu, ma jiġi indikat l-ebda limitu kwantitattiv dwar il-livell ta' volum rappreżentattiv bħal dan. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq huwa kkonfermat li l-kampjun magħżul kien rappreżentattiv skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

(20) Parti interessata partikolari sostniet li l-Kummissjoni naqset milli tinkludi fil-kampjun produtturi tal-Unjoni li joffru prezzijiet baxxi tal-bejgħ u li jinsabu f'pajjiżi bħall-Polonja u r-Repubblika Ċeka; għalhekk, il-kampjun miksub b'dan il-mod ma jistax ikun rappreżentattiv tal-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni.

(21) Bħala tweġiba għall-affermazzjoni ta' hawn fuq, il-Kummissjoni skopriet li l-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-kampjun tal-industrija tal-Unjoni kienu fl-istess firxa tal-prezzijiet medji tal-bejgħ fl-istatistika disponibbli pubblikament. Fi kwalunkwe eventwalità, u kif spjegat fil-premessa (125), l-investigazzjoni wriet li anki jekk jiġu kkunsidrati l-prezzijiet disponibbli pubblikament għal dawk il-pajjiżi, il-konklużjonijiet finali ma għandhom jinbidlu bl-ebda mod sinifikanti.

▼B

(22) Numru ta' partijiet għamlu kummenti dwar il-metodoloġija użata għall-għażla tal-kampjun tal-industrija tal-Unjoni meta mqabbla mal-għażla tal-kampjun tal-esportaturi Ċiniżi, li kienet ibbażata biss fuq il-volum tal-esportazzjoni.

(23) Rigward il-metodoloġiji differenti użati għall-għażla ta' kampjun tal-produtturi tal-Unjoni min-naħa waħda u tal-produtturi esportaturi Ċiniżi min-naħa l-oħra, għandu jiġi nnutat li l-metodoloġiji ntużaw skont l-għanijiet tal-eżerċizzju tal-kampjunar. Għal dak li jirrigwarda l-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tivvaluta s-sitwazzjoni tal-industrija kollha u għalhekk, intgħażlu l-kriterji li għandhom jiggarantixxu l-istampa l-iżjed rappreżentattiva tas-settur kollu. Għal dak li jirrigwarda l-esportaturi Ċiniżi, ġie kkunsidrat xieraq li jintgħażel kampjun ibbażat fuq l-ikbar volum ta' esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat u b'hekk l-ikbar esportaturi ntgħażlu bħala kampjun. Qed jiġi nnotat ukoll li ma hemm l-ebda obbligu fl-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku li ż-żewġ kampjuni jintgħażlu fuq il-bażi tal-istess kriterju. Barra dan, f'dan il-każ, qabel ma ġie ffinalizzat il-kampjun tal-produtturi esportaturi Ċiniżi, il-partijiet li qegħdin jikkooperaw fiċ-Ċina kif ukoll l-awtoritajiet Ċiniżi ngħataw l-opportunità li jikkummentaw fuq il-kampjun propost. Ġew riċevuti kummenti dwar il-kompożizzjoni tal-kampjun iżda mhux dwar ir-rappreżentattività tiegħu.

(24) Wara d-divulgazzjoni finali, assoċjazzjoni tal-importaturi sostniet li l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku kien jimplika li l-kampjuni tal-produtturi tal-Unjoni u tal-produtturi esportaturi għandhom isiru fuq il-bażi tal-istess kriterji. Wara d-divulgazzjoni finali ħafna partijiet Ċiniżi komplew isostnu li kien hemm diskriminazzjoni bejn it-trattament tal-produtturi esportaturi Ċiniżi u l-produtturi tal-Unjoni fl-għażla tal-kampjuni rispettivi.

(25) Bħala tweġiba għall-affermazzjoni wara d-divulgazzjoni finali li għandhom jiġu applikati l-istess kriterji fl-għażla tal-kampjuni tal-produtturi tal-Unjoni u l-produtturi esportaturi, għar-raġunijiet deskritti fil-qosor fil-premessa (23), qed jiġi kkunsidrat li dawn il-kampjuni jistgħu jsiru fuq il-bażi ta' kriterji differenti. F'dawn iċ-ċirkostanzi, din il-pretensjoni qiegħda tiġi miċħuda.

(26) Rigward il-fatt li, kif imsemmi fil-premessa (23), ma ġew riċevuti l-ebda kummenti dwar ir-rappreżentattività tal-kampjun dawn il-partijiet sostnew li, fiż-żmien tal-għażla tal-kampjuni, il-partijiet Ċiniżi ma ġewx mgħarrfa li kienu qegħdin jintużaw kriterji ta' għażla differenti għall-għażla tal-kampjuni u għalhekk ma setgħux jikkummentaw dwar dan il-fatt.

(27) Għal dak li jikkonċerna l-fatt li l-partijiet Ċiniżi ma ġewx mgħarrfa bil-kriterji differenti użati fl-għażla tal-kampjuni, hija prattika standard, f'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolamenrt bażiku, li l-partijiet jiġu kkonsultati dwar il-kompożizzjoni tal-kampjuni proposti għall-kategorija tagħhom stess, pereżempju l-produtturi esportaturi għandhom jiġu kkonsultati biss dwar il-kampjun propost tal-produtturi esportaturi. F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-affermazzjoni ta' dawn il-partijiet dwar in-nuqqas ta' kapaċità li jikkummentaw dwar il-kriterji differenti tal-għażla għall-kampjuni differenti fiż-żmien tal-għażla tal-kampjuni qiegħda tiġi injorata.

▼B

(28) Wara d-divulgazzjoni finali, parti interessata partikolari affermat li billi kkunsidrat is-segmenti differenti għall-għażla tal-kampjun, il-Kummissjoni kisret l-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku li jistabbilixxi li l-analiżi għandha ssir b'relazzjoni mal-industrija tal-Unjoni ġenerali u mhux ma' ċerti gruppi jew tipi ta' kumpaniji.

(29) L-affermazzjoni li l-qsim tal-kampjun fi tliet segmenti huwa ksur tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku ma tistax tiġi sostnuta. Skont il-premessa (23), il-kampjun magħżul kien jirrappreżenta l-industrija kollha tal-Unjoni u mhux biss grupp speċifiku ta' kumpaniji, kif allegat mill-parti kkonċernata. Barra dan, l-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku jippermetti b'mod speċifiku li jintgħażel kampjun sabiex jiġi determinat id-dannu. Għalhekk din il-pretensjoni kienet mingħajr bażi u ġiet miċħuda.

(30) Wara d-divulgazzjoni finali l-istess parti interessata kkuntestat il-fatt li l-firxa ġeografika kienet ġiet ikkunsidrata għall-għażla tal-kampjun u sostniet li l-Unjoni hija suq uniku u li l-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku jista' jippermetti biss li kampjun jintgħażel fuq bażi tal-ikbar volum rappreżentattiv.

(31) Għal dak li jirrigwarda l-affermazzjoni dwar l-użu tal-kriterju tal-firxa ġeografika, qed jiġi osservat li din hija industrija frammentata u sabiex tiġi valutata r-rappreżentattività tal-kumpaniji magħżula, tintuża l-firxa ġeografika tal-produtturi fost l-Istati Membri, sabiex jiġu riflessi s-sitwazzjonijiet differenti li wieħed jista' jiltaqa' magħhom fl-Unjoni. Il-kampjun ikopri l-Istati Membri fejn madwar 90 % tal-produzzjoni tal-Unjoni tiġi manifatturata; wara l-irtirar tal-kumpanija Pollakka, dan il-livell baqa' għoli f'madwar 80 %. Għalhekk, il-metodoloġija applikata mill-Kummissjoni żgurat li l-kampjun kien rappreżentattiv tal-produzzjoni tal-Unjoni b'mod ġenerali u li jikkonforma mal-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(32) Wara d-divulgazzjoni finali parti interessata partikolari sostniet li ntgħażlu biss il-kumpaniji ta' daqs medju u żgħir fil-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni li allegatament kellhom spejjeż u prezzijiet ogħla minn dawk tal-kumpaniji Ċiniżi ta' daqs kbir.

(33) Dan l-argument ma ġie appoġġat minn l-ebda evidenza. Qed jiġi nnotat li l-kampjun kien jinkludi kumpaniji mis-segmenti kollha. Barra dan, fatturi oħra lil hinn mid-daqs tal-kumpanija jistgħu jkollhom impatt fuq l-ispejjeż, bħall-ispejjeż tal-materja prima, id-deppreżżament jew, l-użu tal-kapaċitajiet.

4. **Drittijiet tal-partijiet**

4.1. *Kunfidenzjalità tal-isem tal-kwerelanti u l-kumpaniji li qegħdin jappoġġaw l-ilment*

(34) Parti interessata partikolari affermat li minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni dwar l-identità tal-kwerelant il-partijiet interessati ma setgħux jeżerċitaw kompletament id-drittijiet tagħhom ta' difiża. Ġie affermat ukoll li billi ċerti produtturi ma kinux talbu li isimhom ma jintweriex, it-talba għall-anonimità ma kinitx ġustifikata.

▼B

(35) Parti partikolari tenniet l-affermazzjoni tagħha li ma kienx hemm raġunijiet sabiex tiġi permessal-kunfidenzjalità għal dak li kien jikkonċerna l-ismijiet tal-parti l-kbira tal-produtturi li kienu qegħdin iressqu l-ilment kif ukoll dawk li kienu qegħdin jappoġġaw l-ilment. B'mod partikolari ġie affermat li ma kienet ġiet inkluża l-ebda evidenza bħala appoġġ għat-talbiet għall-kunfidenzjalità fil-fajl miftuħ għall-ispezzjonijiet mill-partijiet interessati. Ġie sostnut ukoll li n-nuqqas ta' għarfien tal-identità tal-kumpaniji kampjunati fisser li partijiet interessati oħra ma setgħux jikkummentaw dwar il-korrettezza tal-valutazzjoni tal-mikroindikaturi.

(36) Bħala tweġiba għad-divulgazzjoni finali l-istess parti qajmet dubji dwar jekk il-kumpaniji relatati kollha tal-produtturi kampjunati kinux issottomettew rispons ta' kwestjonarju.

(37) Qed jiġi mfakkar li l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku jippermetti l-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali fiċ-ċirkostanzi fejn l-iżvelar jista' jkun ta' vantaġġ kompetittiv sinifikanti għal kompetitur jew jista' jkollu effett avvers sinifikanti fuq persuna li tkun qiegħda tipprovdi informazzjoni jew fuq persuna li minnha dik il-persuna tkun kisbet l-informazzjoni. Parti kbira ħafna tal-kwerelanti riedu li l-identità tagħhom tibqa' kunfidenzjali u pprovdew evidenza biżżejjed li turi li tabilħaqq kien hemm possibbiltà ta' ritaljazzjoni, *inter alia*, fil-forma ta' telf ta' bejgħ għal dawn il-produtturi jekk isimhom jiġi żvelat. It-talba ta' dawn il-kumpaniji konsegwentement ġiet aċċettata mis-servizzi tal-Kummissjoni.

(38) Għal dak li jirrigwarda l-affermazzjoni li ċerti produtturi ma kinux talbu t-trattament kunfidenzjali ta' isimhom, għandu jiġi nnotat li dan il-fatt ma jippreġudikax id-dritt ta' kumpaniji oħra li jitolbu għal dan it-trattament, meta jintwerew raġunijiet biżżejjed. Il-valutazzjoni għal talbiet bħal dawn saret fuq bażi ta' każ b'każ u għalhekk il-pretensjoni qiegħda tiġi miċħuda.

(39) Għal dak li jirrigwarda l-fatt dwar jekk il-kumpaniji tal-produtturi kampjunati tal-Unjoni kinux issottomettew rispons għall-kwestjonarju, għandu jiġi nnutat bħala prinċipju li n-nuqqas ta' rispons minn produttur relatat tal-Unjoni per se ma kienx neċessarjament jipprevjeni lill-Kummissjoni milli tasal għal konklużjonijiet ta' min jorbot fuqhom dwar id-dannu sakemm it-tweġibiet tal-kwestjonarju li huma sottomessi jistgħu jiġu verifikati. Dan huwa l-każ, b'mod partikolari fejn il-kumpaniji relatati huma entitajiet legali separati b'kontabilità separata.

5. **Ambitu tal-investigazzjoni. Inklużjoni tal-importazzjonijiet mit-Turkija**

(40) Parti waħda li tirrappreżenta l-interessi tal-produtturi esportaturi, affermat li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mit-Turkija kellhom jiġu inklużi fl-ambitu ta' din l-investigazzjoni.

(41) Rigward in-nuqqas ta' inklużjoni fl-ilment ta' importazzjonijiet li joriġinaw mit-Turkija, għandu jiġi nnotat li fl-istadju tal-bidu, ma kien hemm l-ebda evidenza ta' dumping, dannu u kawżalità minn dan il-pajjiż sabiex jiġi ġustifikat il-bidu ta' proċedura antidumping fuq importazzjonijiet bħal dawn. L-affermazzjoni li t-Turkija kellha tiġi nkluża fl-ambitu tal-investigazzjoni għalhekk qiegħda tiġi miċħuda.

▼B

B. **IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI**

(42) Wara l-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji, parti interessata partikolari indikat li kien sar tibdil fil-kodiċijiet NM li jkopru l-prodott ikkonċernat inklużi fir-Regolament li jimponi miżuri provviżorji meta mqabbla ma' dawk tal-avviż tal-bidu u staqsiet dwar irraġunijiet għal dawn id-differenzi u jekk kinux jimplikaw bidla fl-ambitu tal-prodott.

(43) F'dan il-kuntest qed jiġi enfasizzat li d-differenzi bejn il-kodiċijiet NM indikati fir-Regolament li jimponi miżuri provviżorji u dawk imsemmija fl-avviż tal-bidu mhumiex konnessi ma' bidla fid-definizzjoni tal-prodott jew l-kamp ta' applikazzjoni tal-investigazzjoni. L-emendi ma jibdlux it-tipi ta' madum koperti iżda jirrigwardaw sempliċement il-ħtieġa li jiġi kkunsidrat it-tibdil ġenerali tan-Nomenklatura Magħquda, kif previst fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 861/2010, li sar applikabbli fl-1 ta' Jannar 2011 ([1]).

(44) Parti interessata talbet li ċertu mużajk taċ-ċeramika jiġi eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott. Il-parti allegat li, jekk jiġu imposti miżuri, din il-kategorija ta' prodott ikkonċernat titlef il-kompetittività kontra prodotti oħra li magħhom tista' tiġi sostitwita u li, fi kwalunkwe każ, id-dumping mhuwiex iseħħ f'dan is-segment partikolari.

(45) Rigward dan l-ilment, l-investigazzjoni żvelat li minħabba li l-mużajk taċ-ċeramika u tipi oħra ta' madum għandhom l-istess karatteristiċi bażiċi, fiżiċi u tekniċi, mhijiex garantita reviżjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott. F'dak li għandu x'jaqsam man-nuqqas ta' dumping f'dan is-segment, li ma ġiex appoġġat minn kwalunkwe evidenza, l-analiżi tad-dumping u d-dannu għandha tirrifletti s-sitwazzjoni għall-prodott sħiħ ikkonċernat. F'dawn iċ-ċirkostanzi, dan l-ilment huwa rifjutat.

(46) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor dwar il-prodott ikkonċernat u l-prodott simili, il-premessi minn (25) sa (32) tar-Regolament li jimponi miżuri provviżorji qegħdin b'dan jiġu kkonfermati.

C. **DUMPING**

1. **Trattament tal-Ekonomija tas-Suq (TES)**

(47) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment jew konklużjonijiet oħrajn dwar it-Trattament tal-Ekonomija tas-Suq, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi minn (33) sa (40) tar-regolament provviżorju qegħdin b'dan jiġu kkonfermati.

2. **Trattament Individwali ("TI")**

(48) Ma ġew riċevuti l-ebda kummenti rigward id-deċiżjoni dwar l-għoti jew iċ-ċaħda ta' TI lil kumpaniji individwali.

(49) Madankollu żewġ importaturi esprimew dubji dwar il-validità ġenerali tal-analiżi tal-Kummissjoni dwar it-TI, waqt li affermaw li l-Unjoni kull sena tqassam sussidji permezz tal-iskema tal-Fondi Strutturali.

([1]) ĠU L 284, 29.10.2010, p. 1.

▼B

(50) F'dan ir-rigward, qed jiġi nnotat li l-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li għandhom jintlaħqu sabiex isir benefiċċju minn stat ta' TI. L-eżistenza allegata ta' sussidji fl-Unjoni hija irrilevanti għall-finijiet ta' dak l-eżami. Għalhekk, din l-affermazzjoni qiegħda tiġi miċħuda u l-konklużjonijiet kif stabbiliti fil-premessi minn (41) sa (44) tar-regolament provviżorju qegħdin jinżammu.

3. **Eżami Individwali ("EI")**

(51) Ġew sottomessi talbiet għal EI minn tmien produtturi esportaturi li qegħdin jikkooperaw taħt l-Artikolu 17(3) tar-Regolament bażiku. Ġie deċiż li ssir EI għal produttur esportatur partikolari, il-Grupp Kito, billi eżami bħal dan ma kienx jinvolvi piżijiet mhux xierqa. Dan il-grupp kien jirrappreżenta bla dubju l-ikbar volum ta' esportazzjoni mit-tmien produtturi li talbu EI.

(52) Dan il-grupp talab TI. Wara l-eżami ta' din it-talba, ġie propost inizjalment li jingħata TI lill-Grupp Kito billi ma nstabet l-ebda raġuni għala dan il-grupp għandu jkollu TI.

(53) Wara l-iżvelar finali, il-kwerelant sostna li ma kienx jidher li l-Artikolu 17(3) tar-Regolament bażiku jippermetti li numru limitat ta' talbiet għal EI jsiru f'sitwazzjonijiet fejn kienu ġew riċevuti talbiet numeruż. Il-kwerelant sostna li din l-opinjoni kinet appoġġata minn ħafna investigazzjonijiet ta' qabel ta' antidumping. F'dan ir-rigward, qed jiġi nnotat li l-punt ta' referenza fl-Artikolu 17(3) tar-Regolament bażiku dwar l-eżaminati tat-talbiet għal EI huwa jekk dawn l-eżamijiet humiex se jkunu ta' piż mhux xieraq u humiex se jimpedixxu t-tlestija tal-investigazzjoni fil-ħin. Fl-investigazzjoni preżenti u kif imsemmi fil-premessa (51), l-eżami ta' waħda mit-tmien pretensjonijiet għal EI ma kenitx ta' piż mhux xieraq. Għal dak li jirrigwarda investigazzjonijiet preċedenti fejn ġew indirizzati talbiet għal EI, qed jiġi nnotat li l-limitu tan-natura tal-piż ta' talbiet bħal dawn u l-ħtieġa għat-tkomplija fil-ħin ta' investigazzjoni għandhom jiġu valutati fuq bażi ta' każ b'każ. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, it-talbiet tal-kwerelant qegħdin jiġu miċħuda.

(54) Wara divulgazzjoni finali, ġew riċevuti informazzjoni u evidenza li l-Kito Group seta ma żvelax il-kumpaniji kollha relatati tal-grupp b'riżultat li l-konklużjonijiet għall-grupp jistgħu ma jkunux kompleti. Il-grupp ingħata l-opportunità biex jikkummenta dwar din l-informazzjoni u ġie infurmat li l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku jista' jkun li għandu jiġi applikat. Fi tweġiba, huma kkonfermaw li huma tabilħaqq ma żvelawx żewġ kumpaniji relatati fit-tweġiba tagħhom għall-kwestjonarju dwar l-antidumping iżda argumentaw li, minħabba li kienet sorveljanza ħafifa mingħajr konsegwenza minħabba li huma ma kinux involuti fil-produzzjoni u/jew kummerċjalizzazzjoni tal-prodott ikkonċernat, ma għandhux ikollu rilevanza dwar il-konklużjonijiet. Madankollu, il-fatt li l-eżistenza ta' dawn iż-żewġ kumpaniji ma ġiet rivelata ma ppermettitx valutazzjoni u verifika xierqa tal-attivitajiet tal-grupp li huma relatati mal-prodott ikkonċernat. F'dawn iċ-ċikustanzi, ġie konkluż li l-grupp ma pprovdiex l-informazzjoni meħtieġa fil-perjodu ta' żmien xieraq u konsegwentament il-konklużjonijiet għall-kumpanija huma magħmula fuq il-bażi tal-fatti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

▼B

4. **Valur normali**

4.1. *Għażla tal-pajjiż analogu*

(55) Żewġ importaturi ssottomettew kummenti kontra l-għażla tal-Istati Uniti tal-Amerika ("USA") bħala pajjiż analogu, billi affermaw li mhuwiex xieraq li l-USA jitqies bħala pajjiż analogu minħabba l-produzzjoni proprja insinifikanti, u n-nuqqas ta' kompetittività tiegħu fis-suq dinji. Huma affermaw ukoll li l-USA ntgħażel b'mod mhux raġonevoli, billi affermaw li n-nuqqas ta' pajjiżi analogi alternattivi ġie kkawżat minn pressjoni żejda min-naħa tal-assoċjazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni fuq produtturi minn pajjiżi oħra analogi sabiex il-kooperazzjoni possibbli tagħhom tiġi skoraġġata. Żewġ importaturi sostnew li l-Kummissjoni injorat informazzjoni minn numru ta' pajjiżi li setgħu jikkooperaw u li dejta li hija disponibbli għall-pubbliku minn assoċjazzjonijiet nazzjonali u transnazzjonali ta' produtturi f'pajjiżi terzi ma ġietx ikkunsidrata.

(56) Sabiex l-ewwel jiġi kkunsidrat dan l-argument tal-aħħar, qed jiġi mfakkar li hija meħtieġa informazzjoni speċifika dwar il-kumpanija sabiex issir l-investigazzjoni tal-livell ta' dumping. Għalhekk dan l-argument ġie miċħud.

(57) Għal dak li jirrigwarda l-allegazzjonijiet ta' pressjoni żejda min-naħa tal-assoċjazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni sabiex tiġi skoraġġata l-kooperazzjoni, qed jiġi nnotat li l-ebda evidenza ma ġiet ipprovduta. Għalhekk dawn il-kummenti kellhom jiġu injorati.

(58) Dawn l-importaturi affermaw ukoll li, il-volum annwali tal-produzzjoni tal-madum taċ-ċeramika fil-USA kien ta' madwar 60 miljun m^2 kull sena, u mhux 600 miljun m^2 kif iddikjarat fil-premessa (51) tar-Regolament provviżorju. Dan ġie verifikat u nstab li huwa korrett.

(59) Rigward l-istabbilità tal-USA bħala pajjiż analogu fid-dawl tal-livell ta' produzzjoni li huwa iżjed baxx b'mod konsiderevoli, għandu jiġi enfasizzat li s-suq tal-USA huwa kompetittiv ħafna – hemm ħafna kumpaniji lokali tal-produzzjoni u l-kwantitajiet tal-importazzjoni huma sinifikanti. Barra dan, kif imsemmi fil-premessa (52) tar-Regolament provviżorju, ma hemm l-ebda evidenza ta' ostakli nontariffarji li jistgħu joħolqu tfixkil sinifikanti għall-kompetizzjoni fis-suq. F'dawn iċ-ċirkostanzi, minkejja l-volum ta' produzzjoni iżjed baxx, il-konklużjoni ġenerali li l-USA huwa pajjiż analogu xieraq tibqa' l-istess.

(60) Żewġ importatui sostnew li l-prezzijiet tal-bejgħ tal-unitajiet tal-madum prodott fil-USA fis-suq domestiku tal-USA kienu ħafna iżjed ogħla minn dawk fis-suq tal-Unjoni u, meta mqabbla mal-prezzijiet tal-esportazzjoni, jagħtu lok li jsiru prattiki ta' dumping. Dan l-argument instab li kien irrilevanti għall-fini ta' din il-proċedura, billi kwalunkwe allegazzjoni bħal din, meta wieħed jassumi li jkun hemm evidenza għaliha *prima facie*, tista' tiġi eżaminata bir-reqqa biss fi proċedura ta' antidumping separata relatata mal-USA. Għalhekk ġie injorat.

(61) Dawn l-importaturi sostnew ukoll li l-produttur tal-USA li kien qed jikkoopera kien il-proprjetà tal-Unjoni jew kien affiljat ma' produtturi tagħha u għalhekk l-investigazzjoni kienet difettuża billi d-dejta miksuba ma kinitx indipendenti.

▼B

(62) Qed jiġi mfakkar li d-dejta sottomessa mill-produttur tal-USA li qed jikkoopera ġiet verifikata fuq il-post. Għalhekk instab li din il-pretensjoni hija irrilevanti u ġiet injorata.

(63) Dawn l-importauri affermaw ukoll li l-volumi tal-esportazzjoni tal-USA kienu limitati. Dan l-argument ġie kkunsidrat bħala irrilevanti għall-għażla tal-pajjiż analogu, billi d-dejta tal-pajjiż analogu tintuża sabiex jiġi determinat il-valur normali u mhux il-prezzijiet tal-esportazzjoni. Għalhekk ġie miċħud.

(64) Finalment dawn l-istess importaturi affermaw li ż-żamma tal-kunfidenzjalità dwar l-identità, il-volum, il-valur u l-kwalità tal-produzzjoni tal-produttur analogu li qed jikkoopera ma kinitx ġustifikata. Qed jiġi mfakkar li l-produttur analogu li qed jikkoopera kien talab għall-kunfidenzjalità minħabba li beża' li jkun hemm ritaljazzjoni kummerċjali, u nstab li din it-talba kienet ġustifikata. Barra dan, ma jistax jiġi eskluż li l-għoti ta' kwalunkwe dejta mitluba mill-importaturi, anki jekk f'firxiet differenti, tista' twassal għall-identifikazzjoni tal-produttur tal-pajjiż analogu. Għalhekk il-pretensjoni tal-importaturi ġiet injorata.

(65) Wara l-iżvelar finali, iż-żewġ importaturi msemmija hawn fuq irrepetew numru ta' pretensjonijiet tagħhom imsemmija hawn fuq mingħajr, madankollu, ma pprovdew l-ebda evidenza sostanzjali oħra. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-pretensjonijiet tagħhom jibqgħu miċħuda.

(66) Barra dan, dawn iż-żewġ importaturi affermaw ukoll li, billi l-produttur tal-USA li qed jikkoopera huwa allegatament ikkontrollat minn produttur tal-Unjoni, l-għażla ta' din il-kumpanija tal-USA bħala produttur adatt ta' pajjiż analogu hija difettuża. B'mod partikolari, huma affermaw li l-kumpanija tal-USA mhijiex ekonomikament indipendenti u għalhekk ma tistax isservi bħala punt ta' referenza għad-dumping. L-importaturi jikkwotaw it-tielet u r-raba' paragrafi tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku bħala ġustifikazzjoni għal din il-pretensjoni. B'risposta għal din il-pretensjoni, l-ewwel nett għandu jiġi ddikjarat li, kif imsemmi fil-premessa (23) tar-Regolament provviżorju u fil-premessa (69) ta' hawn taħt, il-produttur tal-USA li qed jikkoopera talab l-anonimità u din it-talba ġiet mogħtija. F'dawn iċ-ċirkostanzi, ma jistax jiġi kkonfermat jew miċħud jekk teżistix relazzjoni jew le bejn il-kumpanija tal-Istati Uniti u produttur tal-Unjoni. Madankollu, qed jiġi nnotat li d-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq tar-Regolament bażiku huma dwar kif għandhom jiġu ttrattati l-prezzijiet tal-bejgħ ta' kumpanija taħt investigazzjoni meta tbigħ lil parti relatata. Dawn id-dispożizzjonijiet ma jikkonċernawx il-kwistjoni ta' relazzjoni possibbli bejn produttur ta' pajjiż analogu u produttur tal-Unjoni. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-pretensjoni qiegħda tiġi miċħuda.

(67) Wara l-iżvelar finali, assoċjazzjoni ta' importaturi għamlet ħafna talbiet. L-ewwel nett, affermat li l-volum baxx allegat ta' bejgħ tal-produtturi tal-Istati Uniti fis-suq domestiku tagħhom meta mqabbel mal-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn l-Unjoni jagħmel lill-USA suq mhux adatt bħala pajjiż analogu. F'dan ir-rigward,

▼B

waqt l-eżami tal-pajjiżi analogi possibbli, il-livell ta' kompetizzjoni f'dawk il-pajjiżi huwa, *inter alia*, wieħed mill-elementi eżaminati. Li jintlaħqu livelli simili ta' bejgħ domestiku tal-industrija domestika u ta' importazzjonijiet mill-pajjiż taħt investigazzjoni mhijiex prekundizzjoni sabiex pajjiż jitqies bħala pajjiż analogu adatt. Għal dak li jirrigwarda dawn il-pretensjonijiet, għal din l-investigazzjoni, u kif iddikjarat fil-premessa (59), instab li s-suq tal-Istati Uniti kien kompetittiv biżżejjed sabiex ikun għażla adatta. F'dawn iċ-ċirkostanzi, din il-pretensjoni qiegħda tiġi miċħuda.

(68) L-assoċjazzjoni tal-importaturi sostniet ukoll li ma kinitx tikkunsidra li l-fatt li l-importazzjonijiet fis-suq tal-Istati Uniti huma sinifikanti kien rilevanti fl-għażla tal-Istati Uniti bħala pajjiż analogu. Għal dak li jirrigwarda din l-affermazzjoni, għandu jiġi nnotat li l-livell ta' importazzjonijiet huwa tabilħaqq wieħed mill-fatturi importanti eżaminati fl-għażla ta' pajjiż analogu adatt. Il-kombinazzjoni tal-produzzjoni domestika u l-volumi għoljin ta' importazzjonijiet tikkontribwixxi għal suq kompetittiv kif imsemmi fil-premessa (59). F'dawn iċ-ċirkostanzi, din il-pretensjoni qiegħda tiġi miċħuda.

(69) L-assoċjazzjoni tal-importaturi staqsiet ukoll liema evidenza ġiet ipprovduta mill-produttur tal-pajjiż analogu li kien qed jikkoopera sabiex juri r-riskju ta' ritaljazzjoni kummerċjali kif imsemmi fil-premessa (64). F'dan ir-rigward, il-kumpanija tal-Istati Uniti osservat li jeżistu ħafna produtturi esportaturi Ċiniżi tal-madum taċ-ċeramika fis-suq tal-Istati Uniti li magħhom il-kumpanija tal-Istati Uniti tikkompeti għall-istess klijenti. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-kumpanija tal-Istati Uniti ddikjarat li kienet tibża' minn ritaljazzjoni kummerċjali jekk l-identità tagħha tiġi żvelata. Rigward l-evidenza pprovduta sabiex jiġi ppruvat ir-riskju ta' ritaljazzjoni, għandu jiġi nnotat li r-riskju possibbli li jinħoloq mill-fatt li l-kumpanija tal-Istati Uniti kif ukoll il-produtturi esportaturi Ċiniżi attivi fis-suq tal-Istati Uniti qegħdin jikkompetu għall-istess klijenti nstab li kien plawżibbli. F'dawn iċ-ċirkostanzi, it-talba tal-kumpanija għall-anonimità ġiet aċċettata.

(70) L-assoċjazzjoni sostniet ukoll li, billi l-prezz medju tal-bejgħ domestiku fl-USA tal-madum taċ-ċeramika prodott domestikament allegatament kien ħafna drabi ogħla mill-prezz tal-importazzjonijiet tal-Unjoni miċ-Ċina, il-prodott tal-Istati Uniti mhuwiex "prodott simili" għall-prodott impurtat miċ-Ċina. F'dan ir-rigward, il-fatt li dawn iż-żewġ prezzijiet huma differenti mhijiex raġuni sabiex jiġi kkunsidrat li l-prodott tal-Istati Uniti mhuwiex prodott simili għall-prodott ikkonċernat. Kif iddikjarat fil-premessa (32) tar-Regolament provviżorju, instab li l-prodott ikkonċernat u, *inter alia*, il-prodott prodott u mibjugħ fis-suq domestiku tal-USA għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll l-istess użijiet bażiċi. F'dawn iċ-ċirkostanzi jiġu kkunsidrati bħala simili skont l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku. Il-pretensjoni tal-assoċjazzjoni għalhekk qiegħda tiġi miċħuda.

(71) Finalment, l-assoċjazzjoni staqsiet għaliex l-Unjoni ma kinitx ikkunsidrata bħala pajjiż analogu xieraq fin-nuqqas ta' kooperazzjoni minn pajjiżi terzi minbarra l-USA. F'dan ir-rigward, billi nstab li l-USA huwa pajjiż analogu adatt, kif imsemmi fil-premessa (59), il-ħtieġa li jiġu eżaminati swieq oħra adatti ma nħolqitx. Għalhekk, il-pretensjoni tal-assoċjazzjoni qiegħda tiġi miċħuda.

▼B

(72) Fin-nuqqas ta' iżjed kummenti, qed jiġi kkonfermat li l-għażla tal-USA bħala pajjiż analogu kienet approprjata u raġjonevoli skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, u l-premessi minn (45) sa (54) tar-Regolament provviżorju qegħdin b'dan jiġu kkonfermati.

4.2. *Determinazzjoni tal-valur normali*

(73) Żewġ importaturi sostnew li mingħajr informazzjoni dwar il-produzzjoni tal-produttur tal-Istati Uniti f'termini ta' volum, il-partijiet interessati ma setgħux jivverifikaw jekk minħabba l-ekonomiji ta' skala, jistax ikun hemm differenzi sinifikanti fl-ispejjeż tal-produzzjoni tal-produttur tal-Istati Uniti meta mqabbla mal-produtturi Ċiniżi magħżula bħala kampjun li kull sena pproduċew iżjed minn 10 miljun m^2 ta' madum taċ-ċeramika. Dawn l-importaturi affermaw ukoll li l-volumi tal-produzzjoni tal-produttur analogu u tal-produtturi Ċiniżi ma kinux paragunabbli, minħabba l-volum ta' produzzjoni iżjed baxx tal-produttur analogu jew fil-pajjiż analogu. Qed jiġi mfakkar li l-volum tal-produzzjoni tal-produttur analogu li qed jikkoopera huwa kunfidenzjali u għalhekk ma jistax jiġi żvelat. Qed jiġi mfakkar ukoll li l-industrija Ċiniża hija frammentata ħafna u l-parti l-kbira minnha hija magħmula minn SMEs. Għalhekk, instab li dawn l-argumenti ma kinux sostanzjati biżżejjed.

(74) Dawn l-importaturi osservaw li, billi it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku kien jeżiġi li l-valur normali jkun ibbażat fuq il-prezzijiet ta' "bejjiegħa jew produtturi oħra", kien żbaljat li jiġi stabbilit valur normali fuq il-bażi tad-dejta ta' kumpanija waħda biss.

(75) Għal dan ir-rigward, qed jiġi mfakkar li din il-proċedura tikkonċerna l-importazzjonijiet minn pajjiż b'ekonomija mhux tas-suq fejn il-valur normali jeħtieġ li jiġi stabbilit skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament Bażiku. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(76) Wara l-iżvelar finali, assoċjazzjoni ta' importaturi ddikjarat li hija kkunsidrat li l-valur normali f'pajjiż analogu ma setax jiġi bbażat fuq dejta pprovduta minn kumpanija waħda. Madankollu, għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessa (75), din l-affermazzjoni qiegħda tiġi miċħuda.

(77) Finalment, dawn l-importaturi affermaw li l-prodott tal-produttur analogu ma kellux rappreżentattività billi dan serva esklussivament is-segment bi prezz għoli. Billi t-talba għall-kunfidenzjalità tal-produttur analogu ġiet milqugħa, din l-allegazzjoni la hija kkonfermata u lanqas miċħuda. Fi kwalunkwe każ, anki jekk l-allegazzjoni kienet korretta, kif spjegat fil-premessa (61) tar-regolament provviżorju, saru aġġustamenti fejn kien meħtieġ għall-valur normali maħdum sabiex jiġu kkunsidrati t-tipi kollha ta' madum, inkluż il-markar korporattiv għall-bejgħ mill-ġdid. Għalhekk instab li din l-affermazzjoni ma kinitx meħtieġa u għalhekk ġiet miċħuda.

4.3. *Prezz tal-esportazzjoni*

(78) Wara l-iżvelar finali, produttur esportatur partikolari afferma li l-bejgħ ta' ċerti tipi ta' madum taċ-ċeramika lill-Unjoni fil-PI ġie kklassifikat ħażin mis-servizzi tal-Kummissjoni u li l-marġni ta'

▼B

dumping tal-kumpanija għandu jiġi korrett kif xieraq. F'dan ir-rigward, ġie determinat waqt iż-żjara ta' verifika fuq il-post tal-kumpanija li l-kumpanija kienet ikklassifikat ħażin ċertu madum taċ-ċeramika u l-kumpanija ġiet mgħarrfa b'dan. Wara, dawn ġew ikklassifikati mill-ġdid b'mod korrett għall-finijiet li jsir kalkolu preċiż tad-dumping. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-pretensjoni tal-kumpanija qiegħda tiġi miċħuda.

(79) Wara l-iżvelar finali, l-istess produttur esportatur afferma li ċertu tranżazzjonijiet ta' bejgħ tal-esportazzzjoni lejn l-Unjoni fil-PI ġie injorat fil-kalkolu tal-marġni tad-dumping tal-kumpanija. F'dan ir-rigward, instab li dawn it-tranżazzjonijiet kienu ġew injorati billi d-dati tal-fattura waqgħu wara t-tmiem tal-PI. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-pretensjoni tal-kumpanija qiegħda tiġi miċħuda.

(80) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment rigward il-prezzijiet tal-esportazzjoni, il-premessa (59) tar-Regolament provviżorju qiegħda b'dan tiġi kkonfermata.

4.4. *Paragun*

(81) Saru kummenti dwar il-paragun bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni.

(82) Produttur esportatur partikolari afferma li għall-kalkolu tal-valur CIF tiegħu, il-fatt li l-bejgħ tal-esportazzjoni sar permezz ta' kummerċjanti mhux relatati għandu jiġi kkunsidrat. Instab li din l-affermazzjoni kienet meħtieġa u sussegwentement il-valuri CIF għal dan l-esportatur ġew ikkalkulati mill-ġdid. Wara l-iżvelar finali, il-kwerelant afferma li dan il-kalkolu mill-ġdid tal-prezzijiet tal-esportazzjoni ma kellux isir billi l-informazzjoni pprovduta mill-kummerċjanti mhux relatati ma kinitx ta' min jorbot fuqha billi allegatament xi whud mill-kummerċjanti biss li permezz tagħhom il-produttur esportatur kien ibigħ kienu pprovdew informazzjoni. F'dan ir-rigward instab li l-kummerċjanti mhux relatati kollha li permezz tagħhom kien biegħ il-produttur esportatur kienu pprovdew informazzjoni dwar il-prezz. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-pretensjoni qiegħda tiġi miċħuda.

(83) Produttur esportatur ieħor afferma li l-ispiża tal-assigurazzjoni ma ġietx ikkunsidrata kif suppost meta kien qed jiġi kkalkulat il-valur CIF tiegħu. Instab li din l-affermazzjoni kienet ġustifikata u l-valuri CIF ta' dan l-esportatur ġew korretti kif xieraq.

(84) Grupp wieħed partikolari ta' kumpaniji esportaturi afferma li l-ispiża tal-assigurazzjoni inkluża fil-valuri CIF tagħhom ġiet ikkalkulata ħażin. Ġie skopert li din l-affermazzjoni kienet ġustifikata, u għalhekk il-valuri CIF ġew ikkalkulati mill-ġdid. Barra dan, instab li għall-waħda mill-kumpaniji tal-grupp l-ispiża tal-immaniġġar ma kinitx ġiet ikkunsidrata meta kien qed jiġi stabbilit il-valur ex-works. Dan ġie korrett ukoll.

(85) Żewġ importaturi affermaw li l-kalkolu tal-prezzijiet tal-esportazzjoni kellu jikkunsidra l-iżviluppi tar-rata tal-kambju tad-dollaru Amerikan waqt il-PI. Madankollu qed jiġi mfakkar li, skont il-prattika standard tal-Kummissjoni, intużaw rati tal-kambju ta' kull xahar għall-konverżjonijiet ta' valuta waqt il-PI. Għalhekk, l-iżviluppi tar-rata tal-kambju waqt il-PI tabilħaqq ġew ikkunsidrati.

▼B

(86) Wara l-iżvelar finali, produttur esportatur partikolari afferma li, billi l-valur normali kien ibbażat fuq dejta minn produttur wieħed fil-pajjiż analogu u konsegwentement dejta preċiża ma setgħetx tiġi żvelata għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità, kien imperattiv li jiġi żgurat li jsiru l-aġġustamenti fejn xieraq sabiex tiġi garantita l-paragunabilità tal-prodott għall-finijiet tal-kalkoli tad-dumping. F'dan ir-rigward, kif imsemmi fil-premessa (61) tar-Regolament provviżorju, saru aġġustamenti fejn meħtieġ sabiex jiġi żgurat paragun ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni.

(87) Wara l-iżvelar finali, żewġ importaturi sostnew li l-produttur tal-Istati Uniti li qed jesporta jservi esklussivament is-settur tal-madum taċ-ċeramika ta' prezz għoli waqt li l-produtturi esportaturi Ċiniżi jservu s-segment bi prezz baxx. F'termini li jiġi garantit paragun ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni, dawn l-importaturi sostnu li l-aġġustamenti meħtieġa taħt l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku ma ġewx żvelati lilhom. F'dan ir-rigward, qed jiġi nnotat li l-premessa (61) tar-Regolament provviżorju tispjega l-aġġustamenti li saru sabiex jiġi garantit paragun ġust.

4.5. *Il-marġini tad-dumping għall-esportaturi kampjunati li qegħdin jikkooperaw*

(88) Il-marġini definittivi tad-dumping għall-produtturi kampjunati li qegħdin jikkooperaw, b'kunsiderazzjoni tal-kummenti kollha ta' hawn fuq, u espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF tal-fruntiera tal-Unjoni, id-dazju mhux imħallas, huma dawn li gejjin:

Isem tal-kumpanija/grupp	Marġni tad-dumping definittiv
Shandong Yadi Co. Ltd	36,5 %
Xinruncheng Group	29,3 %
Wonderful Group	26,3 %
Heyuan Becarry Co. Ltd	67,7 %

4.6. *Il-marġini tad-dumping għall-produtturi esportaturi l-oħra kollha li qegħdin jikkooperaw*

(89) Bħala riżultat tat-tibdil fil-kalkolu tal-marġini tad-dumping kif imsemmi fil-premessa (88), il-marġni medju peżat tad-dumping tal-kampjun, li huwa bbażat fuq il-marġini tad-dumping tal-erbgħa produtturi esportaturi kampjunati li qegħdin jikkooperaw huwa ta' 30,6 %. F'dan il-kuntest, qed jiġi nnotat li għal Heyuan Becarry Co Ltd, la ngħatat TES u lanqas TI, ġie kkalkulat marġni tad-dumping skont il-mod deskritt fil-premessa (88) tar-Regolament provviżorju. Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku, dan il-marġni ta' dumping intuża għall-kalkolu tal-marġni medju ta' dumping peżat tal-partijiet fil-kampjun, applikat għall-esportaturi li qegħdin jikkooperaw li ma ntgħażlux sabiex jagħmlu parti mill-kampjun. Barra dan, billi Heyuan Becarry Co. Ltd ma ngħatatx TES u nstab li d-deċiżjonijiet tagħha dwar il-bejgħ tal-esportazzjoni kienu suġġett għal interferenza mill-Istat, id-dazju li għandu jkun applikat għall-importazzjonijiet minn Heyuan Becarry Co. Ltd għandu jkun l-istess bħal dak applikabbli għall-importazzjonijiet mill-esportaturi li qegħdin jikkooperaw mhux magħżula sabiex jagħmlu parti mill-kampjun.

▼B

(90) Rigward il-metodu tal-kalkolu tal-marġni tad-dumping għal Heyuan Becarry Co. Ltd, li, kif imsemmi qabel, kienet produttur esportatur li jikkoopera inkluż fil-kampjun iżda li ma ngħatax TI kif imsemmi fil-premessa (65) tar-Regolament provviżorju, ir-referenza fil-premessa (64) tar-Regolament provviżorju għandha pjuttost tkun, minflok, għall-premessa (62).

4.7. *Il-marġni tad-dumping għal kumpanija li titlob eżami individwali*

(91) Għall-kumpanija msemmija fil-premessi minn (51) sa (54) li ġiet eżaminata individwalment, fid-dawl tal-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, il-marġni tad-dumping mal-pajjiż kollu se japplika.

4.8. *Il-marġini tad-dumping għall-produtturi esportaturi l-oħra kollha li mhumiex qegħdin jikkooperaw*

(92) Fl-assenza ta' kwalunkwe kumment rigward il-kalkolu tal-marġni tad-dumping għall-produtturi esportaturi l-oħra kollha, il-premessi minn (66) sa (67) tar-Regolament provviżorju qegħdin b'dan jiġu kkonfermati.

(93) B'kunsiderazzjoni tal-kummenti msemmija hawn fuq espressi fil-premessi minn (81) sa (85), il-marġni tad-dumping uniku għall-pajjiż kollu huwa stabbilit għal 69,7 %.

4.9. *Sottomissjonijiet li jirrigwardaw il-lista tal-esportaturi li qegħdin jikkooperaw*

(94) Numru ta' allegazzjonijiet riċevuti ssuġġerixxa li 13 mill-produtturi esportaturi li qegħdin jibbenefikaw minn dazju medju provviżorju peżat taħt ir-Regolament provviżorju, inklużi fl-Anness tiegħu, kienu biss kummerċjanti u mhux produtturi, u konsegwentement ma kellhomx jiġu inklużi fl-Anness.

(95) Wara aktar eżami, instab li dawn l-allegazzjonijiet kienu korretti fil-każ ta' ħames kumpaniji. Dawn il-kumpaniji ġew mgħarrfa bl-intenzjoni li jitneħħew mill-Anness rilevanti u ngħataw l-opportunità li jikkummentaw. Tlieta minn dawn il-kumpaniji ma ssottomettewx iżjed kummenti, waqt li żewġ kumpaniji għamlu iżjed affermazzjonijiet dwar din il-kwistjoni. Dawn l-affermazzjonijiet żejda ma kinux jinkludu evidenza biżżejjed sabiex juru li dawn il-kumpaniji kienu produtturi esportaturi tal-prodott ikkonċernat u għalhekk ġew miċħuda. Dawn il-ħames kumpaniji tneħħew kif xieraq mil-lista ta' kumpaniji li jibbenefikaw mid-dazju medju definittiv peżat.

4.10. *Avvenimenti ta' wara l-PI*

(96) Sa mid-divulgazzjoni tal-konklużjonijiet provviżorji, ir-relazzjoni bejn grupp ta' żewġ produtturi esportaturi li qegħdin jikkooperaw allegatament ġiet interrotta minħabba tibdil fl-istruttura tal-ishma fil-kumpaniji kummerċjali. Bħala riżultat ta' dan, waħda minn dawn il-kumpaniji talbet dazju individwali indipendenti minn dak tal-kumpanija l-oħra.

▼B

(97) Mill-informazzjoni pprovduta, jidher li l-konnessjonijiet bejn dawn iż-żewġ kumpaniji ġew interrotti wara l-PI. L-impatt ta' din il-firda allegata fl-istruttura tal-grupp kif ukoll it-talba minn waħda mill-kumpaniji sabiex tiġi stabbilita rata ta' dazju individwali għaliha jridu jiġu riveduti fid-dettall. F'dan ir-rigward, jekk waħda minn dawn il-kumpaniji titlob reviżjoni tas-sitwazzjoni tagħhom wara din il-firda allegata, dan jista' jiġi kkunsidrat fiż-żmien approprjat f'konformità mar-Regolament bażiku. F'dawn iċ-ċirkostanzi, it-talba tal-kumpanija li jiġi stabbilit dazju individwali għaliha f'din l-investigazzjoni hija miċħuda.

(98) Wara l-iżvelar finali, il-kwerelant afferma li wieħed mill-produtturi esportaturi relatati msemmija fil-premessa (97) għandu jkollu dazju separat ikkalkulat għalih bir-raġuni li kien hemm evidenza li kien dumping f'livell ogħla minn dak tal-produttur esportatur l-ieħor. F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat li għall-produtturi esportaturi li jkunu relatati waqt il-PI ta' investigazzjoni n-nuqqas ta' kalkolu tal-marġni tad-dumping medju pożat u dazju wieħed għalihom iħalli kamp ta' applikazzjoni għal ċirkumvenzjoni tad-dazji min-naħa tal-produttur esportatur suġġett għal dazju ogħla. Billi nstab li ż-żewġ produtturi esportaturi kkonċernati f'din l-investigazzjoni kienu relatati waqt il-PI, ma hemm l-ebda raġuni li jiġu stabbiliti dazji separati għal kull wieħed minnhom. Kif iddikjarat fil-premessa (97), jekk waħda minn dawn il-kumpaniji jew it-tnejn li huma jitolbu reviżjoni tas-sitwazzjoni tagħhom wara l-firda allegata tagħhom, dan jista' jiġi kkunsidrat konformi mar-Regolament bażiku. F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-affermazzjoni tal-kwerelant qiegħda tiġi miċħuda.

D. **DANNU**

1. **Produzzjoni tal-Unjoni u industrija tal-Unjoni**

(99) Fl-assenza ta' kwalunkwe kumment jew konklużjonijiet ġodda dwar il-produzzjoni tal-Unjoni u l-industrija tal-Unjoni, il-konklużjonijiet fil-premessi minn (68) sa (70) tar-Regolament provviżorju qegħdin b'dan jiġu kkonfermati.

1.1. *Konsum tal-Unjoni*

(100) Fl-assenza ta' kwalunkwe kumment jew konklużjoni ġdida dwar il-konsum tal-Unjoni, il-konklużjonijiet fil-premessi (71) u (72) tar-Regolament provviżorju qegħdin b'dan jiġu kkonfermati.

2. **Importazzjonijiet miċ-Ċina**

(101) Parti interessata partikolari qajmet dubji dwar l-analiżi tal-importazzjonijiet billi affermat li kemm l-ilment kif ukoll ir-Regolament provviżorju kienu nieqsa mid-dejta li tikkonċerna l-volum tal-importazzjonijiet, u allegat li kejl f'metri kwadri huwa kejl ta' erja u mhux ta' volum.

(102) Parti interessata oħra affermat li l-iżviluppi fil-prezzijiet u l-volum tal-importazzjonijiet miċ-Ċina sempliċement kienu juru l-varjazzjonijiet kummerċjali normali u għalhekk ma setgħux ikunu ta' indikazzjoni tal-imġiba tal-esportaturi Ċiniżi f'termini ta' dumping.

▼B

(103) Wara d-divulgazzjoni finali, parti partikolari qajmet dubji dwar l-affidabilità tal-istatistika tal-Eurostat billi affermat li l-prezzijiet effettivi tal-importazzjonijiet Ċiniżi huma ogħla u għalhekk paragunabbli mal-prezzijiet tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi oħra. Barra dan, ġie affermat li dan jista' jkollu effett fuq il-marġini tad-dumping misjuba.

(104) Parti interessata oħra affermat li l-analiżi tagħha stess tal-istatistika tal-Eurostat f'termini ta' sehem tas-suq u prezz tal-importazzjoni kienu kemm kemm differenti minn dawk tar-Regolament provviżorju u li dawn il-konklużjonijiet għandhom jiġu emendati kif xieraq.

(105) Parti oħra interessata affermat li s-servizzi tal-Kummissjoni naqsu milli jikkunsidraw iż-żieda fil-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi li seħħu wara l-PI, fl-2010.

(106) Rigward l-affermazzjoni dwar l-unità tal-kejl użata għad-determinazzjoni tal-volumi tal-importazzjoni, it-terminu "volum" tal-Artikolu 3.2 tar-Regolament bażiku jirreferi għall-"kwantità", pjuttost milli għall-"volum kubiku". Għal kull prodott, għandha tintuża l-unità tal-kejl l-iżjed rappreżentattiva. Rigward il-prodott ikkonċernat, l-operaturi fis-suq dinji jużaw b'mod konsistenti l-metri kwadri (m^2). Għalhekk, din l-unità ġiet ikkunsidrata bħala l-iżjed approprjata għall-finijiet ta' din l-investigazzjoni u l-affermazzjoni rigward dan ġiet miċħuda.

(107) Għal dak li jikkonċerna l-iżviluppi fil-prezz u l-volum tal-importazzjonijiet miċ-Ċina, huwa minnu li l-varjazzjonijiet huma limitati meta jiġu kkunsidrati f'termini assoluti. L-importazzjonijiet Ċiniżi naqsu bi 3 % fil-perjodu kkunsidrat. Madankollu, l-konklużjoni dwar il-volum tal-importazzjonijiet Ċiniżi kellha titqiegħed fil-kuntest ta' tnaqqis ġenerali fis-suq tal-Unjoni. Huwa ċar li l-fatt li l-importazzjonijiet Ċiniżi naqsu bi 3 % biss f'dan il-perjodu meta l-konsum ġenerali naqas b'29 % kellu impatt fuq il-preżenza tagħhom fis-suq tal-Unjoni. Għalhekk iż-żamma tal-importazzjonijiet fuq livell stabbli ppermetta lill-importazzjonijiet Ċiniżi li jiggwadanjaw sehem sinifikanti mis-suq f'perjodu fejn operaturi oħra kellhom telf.

(108) Għal dak li jirrigwarda l-evoluzzjoni tal-prezzijiet Ċiniżi, il-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet indikati fil-premessa (73) tar-Regolament provviżorju kienu bbażati fuq l-istatistika tal-Eurostat. Tqajmu dubji dwar l-eżattezza tal-prezzijiet medji tal-importazzjoni lejn ċerti Stati Membri iżda ma ġie kkonfermat l-ebda tibdil fl-istatistika uffiċjali. Fi kwalunkwe eventwalità, qed jiġi mfakkar li d-dejta tal-Eurostat intużat biss sabiex jiġu stabbiliti t-tendenzi ġenerali u li anki jekk il-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi kellhom jiġu aġġustati sabiex jiżdiedu l-kwadru ġenerali tad-dannu xorta waħda jibqa' l-istess b'marġini għolja għat-twaqqigħ fil-prezzijiet u l-bejgħ. F'dan il-kuntest għandu jiġi nnotat li għall-kalkolu tal-marġini kemm tad-dannu kif ukoll tad-dumping ma ntużatx id-dejta tal-Eurostat. Intużat biss dejta verifikata minn kumpaniji li fihom saru żjarat sabiex jiġi determinat il-livell tal-marġini. Għalhekk, anki jekk jinstabu d-diskrepanzi mal-istatistika, dan ma għandu jkollu l-ebda impatt fuq il-livell tal-marġini żvelati.

▼B

(109) Għal dak li jirrigwarda l-affermazzjoni li s-servizzi tal-Kummissjoni naqsu milli jikkunsidraw id-dejta tal-Eurostat mill-2010 dan l-argument ma jistax jiġi sostnut billi l-figura għall-PI inkludiet l-ewwel tliet xhur tal-2010. Għal dak li jirrigwarda l-perjodu bejn it-tieni trimestru u l-aħħar trimestru tal-2010 għandu jiġi nnotat li dawn il-figuri huma konnessi mal-perjodu ta' wara l-PI li m'għandux jiġi kkunsidrat. Barra dan, anki jekk dawn kellhom jiġu kkunsidrati, l-istatistika tal-importazzjonijiet turi li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi żdiedu wkoll li jindika li din kienet tendenza ġenerali u mhux iżolata b'mod speċifiku għall-importazzjonijiet Ċiniżi.

3. **It-twaqqigħ tal-prezz**

(110) Qed jiġi mfakkar li fl-istadju provviżorju kif deskritt fil-qosor fil-premessa (76) tar-Regolament provviżorju t-twaqqigħ tal-prezz kien definit bħala l-prezzijiet medji tal-bejgħ peżati tal-produtturi tal-Unjoni lill-klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustati għal livell ex-works, imqabbla skont it-tip ta' prodott mal-prezzijiet medji peżati korrispondenti tal-importazzjonijiet miċ-Ċina lill-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbiliti fuq bażi CIF, b'aġġustamenti xierqa għad-dazji doganali eżistenti, l-ispejjeż ta' wara l-importazzjoni u l-livell ta' kummerċ.

(111) Parti partikolari sostniet li l-kalkoli żvelati lill-partijiet dwar il-kalkolu tal-prezz tal-esportazzjoni ma kinux jikkorrispondu mal-ispjegazzjoni mogħtija fil-premessa (76) tar-Regolament provviżorju. Mal-verifika, ġie kkonfermat li kien hemm żball testwali f'dik il-premessa. Fl-istadju provviżorju, kien tabilħaqq sar l-aġġustament tal-livell tal-kummerċ għall-prezzijiet tal-bejgħ *ex-works* tal-produtturi tal-Unjoni lill-klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni u ma kien sar l-ebda aġġustament għall-ispiża ta' wara l-importazzjoni fil-kalkolu tal-prezz medju tal-esportazzjoni. Fl-istadju definittiv, il-prezzijiet CIF tal-konfini tal-Unjoni tal-produtturi esportaturi tal-pajjiż ikkonċernat ġew aġġustati għad-dazji doganali eżistenti u għall-ispejjeż ta' wara l-importazzjoni (spejjeż magħmula f'port tal-Unjoni minħabba spejjeż ta' importazzjoni, trasport u ħżin li jsiru qabel il-bejgħ mill-ġdid mill-importaturi), fuq il-bażi tal-informazzjoni mogħtija mill-importaturi mhux relatati li qegħdin jikkooperaw.

(112) Parti oħra sostniet li meta jitnaqqsu sabiex jiġu kkunsidrati l-ispejjeż tad-distribuzzjoni/kummerċjalizzazzjoni, il-prezzijiet għandhom ikunu simili għal dawk tal-esportaturi Ċiniżi. Madankollu, il-kalkolu provviżorju diġà kien jinkludi dawn l-aġġustamenti. Konsegwentement, din l-affermazzjoni ma kinitx ġustifikata u għalhekk ġiet miċħuda.

(113) L-investigazzjoni evidenzjat livelli ta' twaqqigħ tal-prezzijiet bejn 43,2 % u 55,7 %, li hija sitwazzjoni kemm kemm differenti minn dak li nstab b'mod provviżorju (ara l-premessa (77) tar-Regolament provviżorju). Ir-raġuni għal din il-bidla hija l-kalkolu ta' valur CIF ġdid għall-produttur esportatur imsemmi fil-premessi minn (83) sa (85) u l-kalkolu ta' prezz CIF individwali tal-esportazzjoni għall-produttur esportatur il-Grupp Kito, imsemmi fil-premessa (51).

▼B

4. **Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi minbarra ċ-Ċina**

(114) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment jew konklużjoni dwar l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi minbarra ċ-Ċina l-konklużjonijiet fil-premessi minn (78) sa (80) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

5. **Is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni**

5.1. *Indikaturi makroekonomiċi*

5.1.1. Produzzjoni, kapaċità u użu tal-kapaċità

(115) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment jew konklużjoni dwar il-produzzjoni, il-kapaċità u l-użu tal-kapaċità l-konklużjonijiet fil-premessi minn (84) sa (85) tar-Regolament provviżorju b'dan qegħdin jiġu kkonfermati.

5.1.2. Volumi tal-bejgħ u sehem mis-suq

(116) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment jew konklużjoni dwar il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq il-konklużjonijiet fil-premessi minn (86) sa (87) tar-Regolament provviżorju b'dan qegħdin jiġu kkonfermati.

5.1.3. Impjieg u produttività

(117) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment jew konklużjoni dwar l-impjieg u l-produttività l-konklużjonijiet fil-premessi minn (88) sa (89) tar-Regolament provviżorju b'dan qegħdin jiġu kkonfermati.

5.1.4. Kobor tal-marġni tad-dumping

(118) Il-marġini tad-dumping huma speċifikati fil-premessi minn (88) sa (93). Qed jiġi kkonfermat li l-marġini kollha stabbiliti huma 'l fuq b'mod sinifikanti mil-livell *de minimus*. Għalhekk, b'konsiderazzjoni tal-volumi u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping, qed jiġi kkonfermat li l-impatt tal-marġni effettiv tad-dumping ma jistax jiġi kkunsidrat bħala negliġibbli.

5.2. *Indikaturi mikroekonomiċi*

5.2.1. Ħażniet

(119) Parti partikolari kkuntestat l-eżattezza tad-dejta pprovduta fil-premessi minn (93) sa (95) tar-Regolament provviżorju. Il-parti sostniet li l-valur tal-ħażniet bħala perċentwal tal-produzzjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni li qed jiġi kkunsidrat kien iżjed baxx b'mod konsiderevoli minn dak elenkat fit-Tabella 10 tal-istess Regolament. Dawk il-kalkoli ġew riveduti u nstab li d-dejta tal-perċentwali għall-2009 u l-PI biss ġiet ikkalkulata ħażin, u li f'dawk il-perjodi l-perċentwal tal-ħażniet tabilħaqq kien kemm kemm ogħla minn dak li kien indikat qabel. Verżjoni korretta ta' dan il-kalkolu tinsab fit-Tabella 1 ta' dan ir-Regolament.

(120) L-istess parti allegat li jekk l-industrija tal-Unjoni kellha żżid il-livell tal-ħażniet tagħha sa ma jintlaħaq il-livell ta' sitt xhur ta' produzzjoni, kif iddikjarat fil-premessa (94) tar-Regolament provviżorju, dak għandu jirrappreżenta perċentwal ta' ħażniet ta' 50 % fuq il-produzzjoni totali, pjuttost milli 59 % kif muri fit-Tabella 10 tar-Regolament provviżorju.

▼B

(121) F'dan ir-rigward għandu jiġi enfasizzat li l-analiżi magħmula fil-premessi (93) u (94) tar-Regolament provviżorju kienu kumplimentari iżda mhux identiċi. L-ewwel analiżi wriet il-perċentwal ta' ħażniet tal-kumpaniji kampjunati mkejjel f'metri kwadri meta mqabbel mal-produzzjoni tal-kumpaniji kampjunati, espress ukoll f'metri kwadri (61 % għall-PI). It-tieni analiżi, li saret ukoll għall-kumpaniji kampjunati, uriet in-numru ta' xhur ta' produzzjoni maħżuna meta mqabbla mat-tnax-il xahar tas-sena (50 % għall-PI).

(122) Iktar analiżi ippermettiet li jsir l-irfinar tal-valutazzjoni tal-evoluzzjoni fuq in-numru ta' xhur ta' produzzjoni li jkunu qegħdin jinħażnu. F'dan ir-rigward, fl-2007 il-produtturi kampjunati żammu madwar ħames xhur ta' produzzjoni (43 %) iżda l-pressjoni tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping ġegħlithom li jżidu l-ħażniet għal iżjed minn seba' xhur ta' produzzjoni (li jikkorrispondu għal 61 % tal-produzzjoni totali fis-sena) waqt il-PI. It-Tabella 1 tesprimi l-volumi tal-ħażniet anki fil-forma ta' numru ta' xhur matul il-produzzjoni annwali.

(123) *Tabella 1*

Ħażniet

	2007	2008	2009	PI
Ħażniet (eluf ta' m^2)	48 554	50 871	39 689	41 887
Indiċi (2007 = 100)	100	105	82	86
Ħażniet bħala perċentwal ta' produzzjoni	43 %	49 %	56 %	61 %
Indiċi (2007 = 100)	100	113	130	142
Numru ta' xhur maħżuna meta mqabbla mal-produzzjoni annwali	5,2	5,9	6,7	7,4
Indiċi (2007 = 100)	100	113	130	142
Perċentwal ta' xhur maħżuna (bażi ta' 12-il xahar)	43 %	49 %	56 %	61 %

(124) Għalhekk il-konklużjoni li t-tendenza tal-ħażniet turi sitwazzjoni ta' dannu hija kkonfermata.

5.2.2. Prezzijiet tal-bejgħ

(125) Parti interessata partikolari, kif imsemmi diġà fil-premessa (20), ikkuntestat il-konklużjonijiet fil-premessi minn (96) sa (99) tar-Regolament provviżorju dwar il-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni, fejn sostniet li l-Kummissjoni fid-determinazjjoni tagħha tal-prezz tal-unità tal-Unjoni ma nkludietx il-produtturi fil-Polonja u fir-Repubblika Ċeka u li l-konklużjonijiet ma kinux konsistenti mad-dejta pubblika effettiva.

(126) Rigward din l-affermazzjoni, saret simulazzjoni li inkludiet il-prezzijiet tal-bejgħ irreġistrati fil-Polonja, li tammonta għal madwar 10 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni. L-ebda simulazzjoni ma kienet saret għar-Repubblika Ċeka, li l-produzzjoni

▼B

tagħha tammonta għal inqas minn 3 % tat-total fil-produzzjoni tal-Unjoni. Is-simulazzjoni wriet li, anki jekk jiġu kkunsidrati l-prezzijiet Pollakki, il-konklużjonijiet finali ma jinbidlux b'mod li jagħmel differenza. Finalment, f'konformità ma' din il-metodoloġija, il-Kummissjoni kkalkulat il-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni wara li għamlet l-aġġustamenti rilevanti sabiex tikseb il-prezzijiet għall-ewwel klijent indipendenti, sabiex tiżgura l-paragunabilità mal-prezzijiet tal-bejgħ Ċiniżi.

(127) Parti interessata partikolari sostniet li r-raġunament fil-premessa (97) tar-Regolament provviżorju li jispjega li l-industrija tal-Unjoni kienet sfurzata li tbigħ inqas kwantitajiet u varjetà ikbar kien ħażin billi l-industrija tal-Unjoni f'każ bħal dan allegatament kellha titlef ħafna iżjed mit-2 % tas-sehem tas-suq.

(128) Għandu jiġi osservat li l-iffukar fuq il-bejgħ ta' lottijiet iżjed baxxi mhux neċessarjament jimplika t-telf ta' sehem ikbar tas-suq. L-ewwelnett, l-industrija tal-Unjoni ma tneħħietx kompletament mis-suq għal dak li jirrigwarda l-lottijiet ikbar u uniformi tal-prodott, minkejja li l-pressjoni tal-importazzjonijiet Ċiniżi ta' prezz baxx hija partikolarment qawwija f'dak is-settur. It-tieni nett, l-industrija tal-Unjoni kellha l-ħila li żżomm il-preżenza tagħha fuq is-suq kollu permezz tal-kompressjoni tal-prezzijiet tal-bejgħ tagħha u l-produzzjoni ta' taħlita ta' prodotti li tiswa iżjed, li wasslu għal nuqqas fil-profitabbiltà kif imsemmi fil-premessa (100) tar-Regolament provviżorju. Għalhekk, il-fatt li l-industrija tal-Unjoni ma tilfitx porzjon ikbar mis-suq huwa spjegat bl-għażla li tinżamm preżenza fis-suq minkejja l-pressjoni tal-prezzijiet miċ-Ċina.

5.2.3. Profitabbiltà, fluss tal-flus, redditu fuq l-investimenti u l-pagi

(129) Parti partikolari sostniet li jeżistu differenzi kbar fil-profitabbiltà bejn il-kumpaniji l-kbar u dawk żgħar. Għal din ir-raġuni ġie sostnut li l-profitt medju kellu jiġi kkunsidrat bħala mhux rappreżentattiv billi l-kampjun kien jinkludi biss dejta minn kumpanija kbira waħda.

(130) Parti oħra sostniet li l-produtturi l-kbar tal-Unjoni jinsabu f'kundizzjoni finanzjarja tajba. L-istess parti sostniet li billi ma kien hemm l-ebda telf anki meta jiġu miżjuda l-kumpaniji ż-żgħar fil-marġni tal-profitt medju tal-industrija tal-Unjoni kif muri fil-premessa (101) u t-Tabella 12 tar-Regolament provviżorju, ma seta' jiġi evidenzjat l-ebda dannu ġenerali.

(131) Għandu jiġi nnotata li sabiex tiġi garantita l-konsistenza tal-konklużjonijiet mar-rappreżentattività tat-teħid tal-kampjuni, l-indikaturi kollha tad-dannu (inkluż il-profitt) ġew peżati skont is-sehem ta' kull segment fil-produzzjoni totali tal-Unjoni. Min-naħa l-oħra, ir-rappreżentattività tal-kumpanija l-kbira tas-sitwazzjoni tal-ikbar segment hija kkonfermata. Għalhekk, l-indikaturi ġenerali skont kif miksuba mill-analiżi tal-kumpaniji tal-kampjunar huma rappreżentattivi tas-sitwazzjoni tal-industrija kollha tal-Unjoni u l-affermazzjoni msemmija hawn fuq kellha tiġi miċħuda.

▼B

(132) Rigward l-affermazzjoni li l-kumpaniji l-kbar ma sofrew l-ebda dannu, għandu jiġi nnotat li skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku l-analiżi għandha ssir rigward l-industrija tal-Unjoni b'mod ġenerali u mhux rigward ċerti gruppi jew tipi ta' kumpaniji. Kif diġà msemmi fil-premessa (130), il-fatt li ma hemm l-ebda telf fil-PI ma jfissirx *per se* li ma sar l-ebda dannu.

5.2.4. Spiża tal-produzzjoni

(133) Parti interessata partikolari kkuntestat il-konklużjoni li l-ispiża tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni kienet żdiedet b'14 % bħala konsegwenza taż-żieda fil-ħażniet u t-tibdil fit-taħlita tal-prodott. Skont din il-parti, din il-konklużjoni ma tistax tiġi sostnuta billi l-livelli tal-ħażniet kif ukoll it-taħlita tal-prodott mhumiex parti mill-ispiża tal-produzzjoni.

(134) Din l-affermazzjoni għandha tiġi miċħuda billi livelli għolja ta' ħażniet jirrappreżentaw spiża finanzjarja konsiderevoli, li hija inkluża fl-analiżi tal-ispiża tal-produzzjoni. Min-naħa l-oħra, it-tibdil ripetut fit-taħlita tal-prodott jimplika spejjeż addizzjonali fil-produzzjoni billi l-produttur ikollu jirrevedi ta' spiss il-proċess tal-produzzjoni: dan l-operat jista' jinvolvi spejjeż kbar billi joħloq perjodi li fihom ma jkun qed isir xejn u użu subottimali tal-makkinarji.

6. **Konklużjoni dwar id-dannu**

(135) Parti interessata partikolari qajmet dubji dwar il-konklużjoni fil-premessa (107) tar-Regolament provviżorju li t-tnaqqis fil-konsum kellu effett negattiv fuq l-industrija tal-Unjoni. Skont din il-parti ma jistax ikun hemm dannu bħala konsegwenza tat-tnaqqis fil-konsum billi s-sehem ġenerali tas-suq baqa' l-istess.

(136) Rigward il-kumment fuq l-istabbiltà tas-sehem tas-suq tal-produtturi tal-Unjoni minkejja t-tnaqqis fil-konsum, għandu jiġi nnotat li s-sehem mis-suq mhuwiex l-uniku indikatur rilevanti ta' dannu. Il-produtturi tal-Unjoni rnexxielhom iżommu s-sehem tagħhom tass-suq tal-Unjoni biss b'detriment tal-profitabbiltà, li waqgħet waqt il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Għalhekk ma jistax jiġi konkluż li l-istabbiltà tas-sehem tas-suq tal-produtturi tal-Unjoni teskludi l-preżenza ta' dannu.

(137) B'kunsiderazzjoni ta' dan ta' hawn fuq, il-konklużjonijiet dwar il-ħsara kif stabbilit fil-premessi minn (107) sa (111) tar-Regolament provviżorju qegħdin b'dan jiġu kkonfermati.

E. **KAWŻALITÀ**

(138) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti dwar il-konklużjonijiet provviżorji li jikkonċernaw il-kawżalità. Dawk il-kummenti kienu ripetizzjoni ta' kummenti diġà indirizzati fir-Regolament provviżorju fil-premessi minn (128) sa (132) dwar dannu magħmul kontra l-interessi proprji. Ma ġiet sottomessal-ebda evidenza oħra li tista' tibdel il-konklużjonijiet provviżorji. Għalhekk, il-konklużjonijiet kif stabbiliti fil-premessi (135) u 136 tar-Regolament provviżorju qegħdin b'dan jiġu kkonfermati.

▼B

1. **Impatt tal-importazzjonijiet miċ-Ċina**

(139) Skont l-Artikoli 3(6) u 3(7) tar-Regolament bażiku, fl-istadju provviżorju ġie eżaminat jekk l-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping tal-prodott ikkonċernat li joriġina miċ-Ċina kinux ikkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni.

(140) Ċerti partijiet affermaw li t-tnaqqis fil-produzzjoni u l-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni kien riżultat ta' tnaqqis fil-konsum. Ġie sostnut ukoll li l-effetti tal-importazzjonijiet Ċiniżi probabbilment kienu limitati billi s-sehem tas-suq Ċiniż żdied biss b'1,6 % li minnhom mhux iżjed minn 1 % setgħu kienu konnessi mas-sehem tas-suq tal-industrija tal-Unjoni.

(141) F'dan il-kuntest qed jiġi mfakkar li l-investigazzjoni wriet koinċidenza fiż-żmien bejn iż-żieda tas-sehem tas-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi u t-tnaqqis tal-profitt tal-industrija tal-Unjoni u żieda fil-livelli tal-ħażniet. Barra dan, ma kinitx biss iż-żieda fis-sehem tas-suq li tefgħet pressjoni fuq l-industrija tal-Unjoni iżda effett ħafna ikbar ġie eżerċitat mill-imġiba fl-ipprezzar u l-livelli għolja ta' twaqqigħ tal-prezzijiet tal-produtturi esportaturi Ċiniżi.

(142) Kif ġie mfakkar fil-premessa (113), l-investigazzjoni żvelat livelli sinifikanti ta' twaqqigħ tal-prezzijiet. Uriet ukoll li l-industrija u l-importaturi tal-Unjoni fil-maġġoranza tal-każijiet kienu qegħdin ibigħu lill-istess klijenti li kien ifisser li l-industrija tal-Unjoni kienet qiegħda tikkompeti direttament mal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping għall-ordnijiet.

(143) B'mod ġenerali dan juri li kienet il-pressjoni tal-prezzijiet u mhux biss il-volumi tal-importazzjonijiet li ħolqot it-tnaqqis fil-figuri tal-profitabbiltà tal-industrija tal-Unjoni u d-deterjorament ta' ħafna mill-indikaturi ta' dannu.

2. **Nuqqas ta' kompetizzjoni bejn il-madum prodott fl-Unjoni u l-madum dumped importat miċ-Ċina**

(144) Bosta partijiet interessati affermaw li l-importazzjonijiet tal-madum taċ-ċeramika miċ-Ċina ma setgħux jikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni billi mhumiex paragunabbli. F'dan il-kuntest ġie sostnut li l-madum taċ-ċeramika miċ-Ċina jipprovdi s-suq għal prodotti omoġenji waqt li l-industrija tal-Unjoni tipproduċi skont ordni, f'lottijiet iżgħar. Ġie sostnut ukoll li l-industriji Ċiniżi u tal-Unjoni mhumiex f'kompetizzjoni minħabba li l-industrija Ċiniża topera bejn it-tarf tas-segment il-baxx u dak medju waqt li l-industrija tal-Unjoni topera bejn it-tarf tas-segment medju u dak għoli. It-telf limitat tas-sehem tas-suq min-naħa tal-industrija tal-Unjoni tressaq bħala evidenza f'dan ir-rigward.

(145) Waqt li ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza sostantiva bħala appoġġ tal-affermazzjonijiet ta' hawn fuq, madankollu ġie kkunsidrat b'attenzjoni jekk l-importazzjonijiet Ċiniżi kienux tabilħaqq jikkompetu mal-madum prodott fl-Unjoni.

▼B

(146) F'dan il-kuntest għandu jiġi nnotat li l-Kummissjoni għamlet paraguni dettaljati ħafna, li għamlu distinzjoni bejn mijiet ta' tipi differenti ta' madum. F'dan il-każ, l-investigazzjoni wriet livell sinifikanti ta' tipi li jaqblu bejn l-industrija tal-Unjoni u l-esportaturi. Dab juri biċ-ċar li l-industrija tal-Unjoni u l-importazzjonijiet Ċiniżi qegħdin jikkompetu f'termini ta' tipi ta' prodotti. Qed jiġi mfakkar ukoll li ġie stabbilit fl-investigazzjoni li l-industrija tal-Unjoni u l-produtturi esportaturi huma f'kompetizzjoni diretta billi huma jikkondividu bejniethom l-istess bażi ta' klijenti.

(147) Rigward l-affermazzjoni li l-madum taċ-ċeramika miċ-Ċina jipprovdi lis-suq għall-prodotti omoġenji waqt li l-industrija tal-Unjoni tipproduċi skont ordnijiet, f'lottijiet iżgħar, qed jiġi mfakkar — ara l-premessa (95) tar-Regolament provviżorju — li kienet eżattament il-pressjoni mill-importazzjonijiet Ċiniżi li ġiegħlet lill-industrija tal-Unjoni li timxi lejn lottijiet iżgħar ta' prodotti b'iktar varjetajiet f'termini ta' lwien u daqs. L-indusrija tal-Unjoni għad għandha preżenza fis-segmenti kollha tas-suq u kuntrarjament għal dak li ġie affermat hawn fuq, il-mudell li juri li l-industrija tal-Unjoni kellha tiffoka fuq tipi speċifiċi ta' prodotti għandu jiġi kkunsidrat bħala indikazzjoni li kienet teżisti kompetizzjoni diretta.

(148) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-argument li l-importazzjonijiet Ċiniżi ma ħolqux dannu lill-industrija tal-Unjoni billi ma kinux qegħdin jikkompetu ma jistax jiġi sostnut.

3. **Effetti ta' fatturi oħra**

3.1. *Impatt tal-Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra*

(149) Ċerti partijiet sostnew l-argument li l-impatt tal-importazzjonijiet Torok kellu jiġi kkunsidrat bħala sinifikanti. F'termini ta' prezzijiet parti partikolari kkontestat il-konklużjoni li ż-żieda ta 19 % fil-prezzijiet Torok kienet sostanzjali.

(150) Dan l-argument ġie diskuss fil-premessa (118) tar-Regolament provviżorju u ma nstabet l-ebda evidenza ġdida li tista' tinvalida l-konklużjoni magħmula fl-istadju provviżorju. F'dan il-kuntest qed jiġi kkonfermat li ż-żieda ta' 19 % tal-prezzijiet Torok għandha tiġi kkunsidrata bħala sostanzjali. Qed jiġi mfakkar ukoll kif indikat fil-premessa (41) li ma kien hemm l-ebda evidenza ta' importazzjonijiet dumped li kkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni minn dan il-pajjiż u għalhekk dan l-argument ma jistax jiġi sostnut.

3.2. *Impatt tat-tnaqqis fil-konsum*

(151) Parti partikolari sostniet li t-tnaqqis fil-konsum affettwa prinċipalment lil Spanja u l-Italja fejn allegatament sar l-iktar dannu. Għall-kuntrarju, id-destinazzjoni ewlenija tal-esportazzjonijiet Ċiniżi kienu l-Istati Membri tat-Tramuntana li ma urewx tnaqqis fil-konsum u fejn il-produtturi tal-Unjoni allegatament sofrew inqas dannu. L-istess parti sostniet ukoll li l-industrija tal-madum taċ-ċeramika Spanjola rkuprat fl-2010 li juri li ma hemm l-ebda konnessjoni bejn l-esportazzjonijiet Ċiniżi u l-figuri tal-produzzjoni u l-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni.

(152) Parti waħda sostniet li ż-żieda tal-ħażniet irreġistrata mill-industrija tal-Unjoni għandha tiġi attribwita għat-tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni, u mhux għall-importazzjonijiet Ċiniżi dumped.

▼B

(153) L-argumenti li l-Istati Membri tal-Ewropa tat-Tramuntana ma ġewx affettwati bit-tnaqqis fil-konsum u li l-importazzjonijiet miċ-Ċina kienu jiġu diretti biss lejn l-Ewropa tat-tramuntana, ma ġie sostnut bl-ebda evidenza sostanzjali. Għall-kuntrarju, id-dejta mill-produtturi esportaturi Ċiniżi magħżula bħala kampjun turi li dan il-bejgħ huwa mifrux b'mod uniformi madwar l-Unjoni. Barra dan, Spanja u l-Italja kollettivament jammontaw għal 28 % ta' dan il-bejgħ, perċentwal li huwa biss ftit inqas mill-bejgħ tal-Ġermanja (32 %). Fuq din il-bażi, dawn l-argumenti ġew miċħuda.

(154) Rigward l-argument li ż-żieda tal-ħażniet irreġistrata mill-industrija tal-Unjoni għandha tiġi attribwita għat-tnaqqis fil-konsum, il-Kummissjoni tfakkar ir-raġunament li jinsab fil-premessa (108) tar-Regolament provviżorju, jiġifieri li l-pressjoni tal-importazzjonijiet Ċiniżi kienet qawwija ħafna b'mod speċjali fis-settur tal-bejgħ ta' lottijiet kbar u li dan kellu impatt ċar fuq il-ħażniet tal-produtturi tal-Unjoni. Iż-żieda tal-proporzjon tal-ħażniet matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni ma tistax tiġi spjegata biss bid-diffikultà li jinbigħu l-prodotti, iżda wkoll bil-ħtieġa li tinżamm varjetà estremament għolja ta' prodotti disponibbli fil-ħażniet. Għalhekk il-konklużjoni dwar l-effett dannuż tal-importazzjonijiet Ċiniżi fuq il-ħażniet hija kkonfermata.

3.3. *Impatt tal-kriżi Ekonomika*

(155) Bosta partijiet interessati sostnew li l-kriżi ekonomika kienet il-kawża reali tad-diffikultajiet li magħhom qiegħda tħabbat wiċċa l-industrija tal-Unjoni. Dan ġie evidenzjat bil-fatt li d-deterjoramenti ewlenin seħħu bejn l-2008 u l-2009 jiġifieri fis-sena li faqqgħet il-kriżi, waqt li t-tendenza kienet inqas qawwija fil-perjodu ta' wara. Ġie osservat ukoll li l-perjodu li qed jiġi kkunsidrat kien jinkludi l-ogħla punt u dak l-iżjed baxx ta' ċiklu fejn l-ogħla punt kien ikkaratterizzat bil-boom fis-settur tal-kostruzzjoni u l-punt l-iżjed baxx bil-kriżi finanzjarja u t-tnaqqis fl-esportazzjonijiet minħabba t-twaqqif ta' postijiet ġodda ta' produzzjoni fil-pajjiżi tat-tielet dinja.

(156) Wara d-divulgazzjoni finali, parti partikolari sostniet li d-deterjorament ta' numru ta' indikaturi ta' dannu kien minħabba l-kriżi ekonomika pjuttost milli minħabba l-importazzjonijiet. Skont din il-parti, l-effett tar-reċessjoni kien iż-żieda fid-domanda ta' kwantitajiet kbar ta' prodotti bi prezz baxx. Bħala riżultat ta' dan, l-industrija tal-Unjoni kellha tiffoka iżjed fuq il-produzzjoni għal ordnijiet ta' kwantitajiet kbar, segment fejn iċ-Ċiniżi kienu diġà qegħdin joperaw, b'żieda fil-livell tal-ħażniet bħala riżultat. Barra dan, ir-reċessjoni allegatament ħolqot inflazzjoni fl-Unjoni, li b'paragun kienet ogħla minn dik taċ-Ċina, li kkawżat iż-żieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni li allegatament wasslet lill-industrija tal-Unjoni sabiex tbigħ bi prezzijiet iżjed baxxi mill-ispiża tal-produzzjoni.

(157) Parti oħra sostniet li l-profitt tal-industrija tal-Unjoni kien żdied b'mod sinifikanti fl-aħħar trimestru tal-PI u li dan wera li l-industrija tal-Unjoni kienet irkuprat wara l-kriżi ekonomika. Din il-parti talbet li l-profitt għall-PI għandu jingħata kull tliet xhur li għandu probabbilment jindika profittabilità ogħla b'mod sinifikanti lejn l-aħħar tal-PI.

▼B

(158) Il-fatt li l-kriżi ekonomika kellha effett fuq il-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni diġà ġie rikonoxxut fil-premessa (120) tar-Regolament li jimponi l-miżuri provviżorji. F'dan il-kuntest għandu jitfakkar li sabiex tiġi stabbilita kawżalità, l-istandard legali rilevanti jistipula li l-importazzjonijiet dumped jeħtieġ li jkunu kkawżaw id-dannu materjali lill-Industrija tal-Unjoni. Madankollu l-importazzjonijiet dumped setgħu ma kinux l-unika kawża tad-dannu.

(159) Barra dan l-investigazzjoni wriet li t-tendenza Ċiniża taż-żieda fl-esportazzjonijiet tista' tkompli minkejja l-kriżi ekonomika. Iċ-Ċina tabilħaqq kienet l-unika attur fis-suq li kienet kapaċi żżomm is-sehem tas-suq tagħha fis-sitwazzjoni ekonomika diffiċili.

(160) Għal dak li jirrigwarda t-tibdil strutturali fid-domanda tal-Unjoni msemmija fil-premessa (156), ma tressqet l-ebda evidenza bħala appoġġ għal din il-pretensjoni. Għall-kuntrarju, qed jiġi mfakkar li kif ġie spjegat fil-premessa (106) tar-Regolament provviżorju l-investigazzjoni wriet li l-industrija tal-Unjoni kellha tbiddel it-taħlita tal-prodott tagħha billi tipprovdi varjetà ikbar ta' prodotti f'termini ta' tipi, lewn u daqs u kellha żżid il-ħażniet tagħha sabiex tkun tista' f'qasir żmien tindirizza ordnijiet speċifiċi ferm. Għalhekk dan l-argument għandu jiġi miċħud.

(161) Għal dak li jikkonċerna l-impatt tal-inflazzjoni fl-ispiża tal-produzzjoni, qed jiġi osservat li r-rata tal-inflazzjoni fl-Unjoni bħala medja ma kinitx ogħla minn dik fiċ-Ċina waqt il-perjodu taħt kunsiderazzjoni u li għalhekk ma tistax tispjega d-diffikultajiet tal-produtturi tal-Unjoni sabiex ibigħu bi prezzijiet sostenibbli. Barra dan, b'kunsiderazzjoni tal-livell ta' twaqqigħ fil-prezzijiet ma jistax jiġi konkluż li pressjoni għal tnaqqis fuq il-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi ġiet ikkawżata mill-industrija tal-Unjoni. Fuq din il-bażi, il-pretensjoni mressqa minn din il-parti kellha tiġi miċħuda.

(162) Min-naħa l-oħra għal dak li jirrigwarda s-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, qed jiġi mfakkar li r-Regolament provviżorju (premessa (126)) wera li qabel ma bdiet il-kriżi ekonomika dinjija l-imġiba aggressiva fl-ipprezzar min-naħa tal-esportaturi Ċiniżi diġà kienet affettwat il-profitabbiltà tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Dan juri li anki fil-preżenza tal-kriżi, il-pressjoni tal-importazzjonijiet bi prezz baxx miċ-Ċina waħedha kienet biżżejjed sabiex toħloq dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni.

(163) Dan il-fatt, jekk jiġi kkunsidrat mal-prezzijiet dumped, isaħħaħ il-konklużjoni li l-kawżalità bejn l-esportazzjonijiet Ċiniżi u d-dannu lill-industrija tal-Unoni ma ġietx interrotta bil-kriżi ekonomika.

(164) Għal dak li jirrigwarda t-talba li l-profitt għall-PI jingħata kull tliet xhur, dan ma ġiex ikkunsidrat bħala rilevanti fl-investigazzjoni kurrenti peress li anki jekk ikun hemm titjib iżjed konsiderevoli fil-profitt, dan ikollu jitqabbel mal-profitt immirat ta' 3,9 %.

▼B

3.4. *Impatt tan-nuqqas tal-industrija tal-Unjoni milli tirristrutturа*

(165) Parti interessata partikolari sostniet li d-dannu lill-produtturi tal-Unjoni għandu jiġi attribwit għan-nuqqas tagħhom milli jirristrutturaw billi l-kontrazzjoni tas-suq ta' 29 % ġiet affrontata biss bi qtugħ fil-kapaċità ta' 7 % u tnaqqis ta' 16 % fl-impjiegi.

(166) F'dan is-settur, it-tnaqqis tal-kapaċità ta' produzzjoni huwa proċess diffiċili, billi l-irkupru tal-kapaċità fil-każ ta' rkupru eventwali tas-suq jimplika spiża estremament kbira għall-produtturi. It-tnaqqis fl-impjiegi li sar fil-perjodu kkonċernat kien ekwiparabbli mal-kontrazzjoni tas-suq. It-tendenza għaż-żieda fl-impjiegi ma għandhiex għalfejn tirrifletti perfettament it-tendenza tal-produzzjoni, billi mhux l-impjiegi kollha huma konnessi direttament mal-produzzjoni effettiva. Bħala konklużjoni, il-fatt li t-tnaqqis fil-kapaċità u n-numru ta' ħaddiema fl-industrija ma kienx eżattament ekwivalenti għall-kontrazzjoni tas-suq ma jfissirx li dan kien il-kawża ta' nuqqas ta' ristrutturazzjoni. Kuntrarjament għall-affermazzjonijiet u meta wieħed jikkunsidra l-istruttura tal-industrija, qtugħ ta' 7 % tal-kapaċità u tnaqqis ta' 16 % fin-numru ta' impjiegi għandhom għalhekk jiġu kkunsidrati bħala sinifikanti.

3.5. *Effett tal-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni fuq is-swieq tal-esportazzjoni*

(167) Parti interessata partikolari sostniet li kienu l-prezzijiet għolja u mhux l-effett tal-esportazzjonijiet Ċiniżi li kienu kkawżaw it-tnaqqis fil-bejgħ tal-esportazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni.

(168) Rigward din l-affermazzjoni qed jiġi mfakkar li l-prestazzjoni fl-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni rkuprat wara l-kriżi ekonomika. Għalhekk l-affermazzjoni li l-prestazzjoni tal-esportazzjoni seta' jkollha effett ħażin konsiderevoli fuq ir-riżultati tal-industrija tal-Unjoni ma tistax tiġi aċċettata.

4. **Konklużjoni dwar il-kawżalità**

(169) L-ebda wieħed mill-argumenti sottomessi mill-partijiet interessati ma juri li l-impatt ta' fatturi oħra minbarra l-importazzjonijiet dumped miċ-Ċina huwa tali li jinterrompi l-kawżalità bejn l-importazzjonijiet dumped u d-dannu li nstab. Il-konklużjonijiet dwar il-kawżalità fir-Regolament provviżorju qegħdin b'dan jiġu kkonfermati.

F. **INTERESS TAL-UNJONI**

(170) Fid-dawl tal-kummenti tal-partijiet il-Kummissjoni wettqet iżjed analiżi tal-argumenti kollha li jikkonċernaw l-interessi tal-Unjoni. Il-kwistjonijiet kollha ġew eżaminati u l-konklużjonijiet tar-Regolament provviżorju ġew ikkonfermati.

1. **Interess tal-industrija tal-Unjoni**

(171) Fun-nuqqas ta' kummenti dwar l-interess tal-industrija tal-Unjoni, il-konklużjonijiet fil-premessi minn (137) sa (141) tar-Regolament provviżorju qegħdin b'dan jiġu kkonfermati.

▼B

2. **Interess tal-importaturi**

(172) Parti interessata partikolari sostniet li l-impożizzjoni ta' miżuri kienet qiegħda thedded l-eżistenza ekonomika tal-importaturi billi dawn se jkunu kapaċi li jgħaddu biss parti mill-ispejjeż żejda tad-dazji lill-klijenti tagħhom.

(173) Wara d-divulgazzjoni finali żewġ partijiet opponew il-konklużjoni li l-importaturi jistgħu jgħaddu faċilment minn fornimenti Ċiniżi għal sorsi oħra ta' forniment, b'mod partikolari minħabba li l-kwalitajiet u l-prezzijiet ma kinux paragunabbli.

(174) Rigward din l-affermazzjoni, qed jiġi mfakkar li parti kbira tal-importazzjonijiet mhumiex affettwati mid-dazji billi huma ta' oriġini mhux Ċiniża. Il-karatteristiċi tal-prodott, billi qed jiġi prodott madwar id-dinja kollha fi kwalitajiet paragunabbli jissuġġerixxu li dawn il-prodotti huma interskambjabbli u li għalhekk numru ta' sorsi alternattivi huma disponibbli, minkejja l-allegazzjonijiet magħmula. Anki għall-importaturi li jiddependu fuq l-importazzjonijiet Ċiniżi, li fl-investigazzjoni nstab li huma dumped u mibjugħa bi prezzijiet konsiderevolment iżjed baxxi mill-prodotti li joriġinaw fl-Unjoni, l-investigazzjoni sabet li l-importaturi jistgħu japplikaw mark-ups għall-prezzijiet tal-bejgħ tagħhom f'eċċess ta' 30 %. Dan, flimkien mal-fatt li nstab li l-importaturi wettqu profitt ta' madwar 5 % u l-possibbiltà tagħhom li mill-inqas jgħaddu parti miż-żidiet potenzjali fl-ispejjeż lill-klijenti tagħhom, jissuġġerixxi li huma qegħdin f'pożizzjoni li jiffaċċjaw l-impatt tal-miżuri.

(175) Barra dan u kif konkluż fil-premessa (144) tar-Regolament provviżorju, l-impożizzjoni ta' miżuri ma għandhiex tfixkel lill-importaturi tal-Unjoni milli jżidu s-sehem tal-importazzjonijiet tal-prodotti tagħhom mis-sorsi l-oħra mhux dumped disponibbli għalihom kemm fl-Unjoni kif ukoll f'pajjiżi terzi oħra.

(176) Importatur partikolari allega li għal ċertu tip ta' prodott, il-prezzijiet Ċiniżi attwalment għandhom ikunu ogħla minn dawk tal-industrija tal-Unjoni u li l-miżuri għalhekk ma għandhomx jippermettu l-esportazzjoni ta' dan it-tip speċifiku fil-ġejjieni.

(177) Din l-affermazzjoni ma ġiet appoġġata minn l-ebda evidenza. Barra dan, skont l-informazzjoni disponibbli, dan it-tip ta' prodott kien jirrappreżenta biss proporzjon minuri tas-suq u ma għandux jaffettwa b'mod sinifikanti s-sitwazzjoni tal-provvista fis-suq tal-Unjoni. Din l-affermazzjoni għalhekk ġiet miċħuda.

3. **Interess tal-utenti**

(178) Uħud mill-partijiet interessati sostnew li l-impatt fuq l-utenti għandu jkun sinifikanti. B'mod partikolari ġie sostnut li anki ż-żieda minima tal-prezz ta' 32,3 % għandha tipprevjeni x-xiri ta' kwalità min-naħa tal-klijenti. Ġie sostnut ukoll li waqt li jista' jkun minnu li l-impatt fuq ħwienet diversifikati tad-Do-It-Yourself jista' jkun limitat, il-ħwienet żgħar speċjalizzati għandhom jiġu affettwati b'mod sinifikanti.

(179) Għal dak li jirrigwarda l-impatt fuq l-utenti finali, il-Kummissjoni tikkonferma dak li ġie konkluż b'mod provviżorju fir-regolament tal-Kummissjoni li jimponi dazji provviżorji, taħt il-premessi (152) u (153), jiġifieri li l-effett tal-prezz se jkun limitat.

▼B

(180) Is-settur tal-bini, wieħed mill-klijenti l-kbar tal-prodotturi tal-madum taċ-ċeramika, iddeċieda li ma jikkooperax fl-investigazzjoni. Wara l-impożizzjoni ta' miżuri provviżorji, il-Federazzjoni Ewropea tal-Industrija tal-Bini – FIEC ġiet mistiedna għal darb'oħra sabiex tipprovdi statistika li turi sa liema punt, jekk effettivament huwa hekk, tista' tiġi affettwata bl-impożizzjoni ta' miżuri. Il-FIEC ikkonfermat li, minkejja li ma hemm l-ebda informazzjoni disponibbli direttament, l-impatt fuq l-ispiża tal-miżuri fuq in-negozju ġenerali tagħha huwa baxx ħafna. Spjegat ukoll li l-interess baxx min-naħa tal-membri tagħha għandu jiġi kkunsidrat bħala appoġġ għall-proposta tal-Kummissjoni.

(181) Finalment, rigward il-ħwienet żgħar speċjalizzati, il-Kummissjoni ma setgħet tikseb l-ebda dejta konkluživa li setgħet tikkonferma l-kobor u l-limitu tal-impatt tal-miżura antidumping. B'mod parallel ma' dak li jiġri lill-importaturi, għandu jiġi mfakkar li l-madum taċ-ċeramika jiġi prodott fl-Unjoni u f'ħafna pajjiżi terzi li ma jagħmlux dumping; għalhekk jista' jiġi eskluż riskju serju ta' nuqqas ta' provvista għall-ħwienet li jbigħu bl-imnut.

4. **Interess tal-konsumaturi finali**

(182) Ġew magħmula sforzi sabiex tinkiseb valutazzjoni tal-impatt iżjed dettaljata mill-konsumaturi. L-investigazzjoni uriet li l-impatt probabbilment se jkun limitat.

(183) L-ewwel nett, il-valur assolut tal-miżuri huwa kkalkulat fuq il-prezz tal-importazzjoni, għalhekk fuq bażi li hija ħafna iżjed baxxa mill-prezz bl-imnut finali tal-prodott ikkonċernat. Dan il-valur jista' jiġi dilwit fl-istadji varji (importaturi, bejjiegħa bl-ingrossa u bejjiegħa bl-imnut) qabel ma jintlaħaq il-konsumatur finali. U anki jekk l-importaturi u dawk li jbigħu mill-ġdid jittrasferixxu l-piż kollu tad-dazju lill-konsumaturi, qed jiġi mfakkar li hemm offerta kbira ta' prodotti fis-suq mhux soġġetti għal miżuri, li jiġu prodotti kemm mill-prodotturi tal-Unjoni kif ukoll mill-prodotturi ta' pajjiżi terzi.

(184) Il-Kummissjoni kkalkulat l-impatt tad-dazji antidumping fuq prezzijiet lill-kosumaturi b'valutazzjoni tal-ammont ta' dazji li għandhom jitħallsu, skont l-importazzjonijiet effettivi miċ-Ċina, u l-allokazzjoni ta' dan l-ammont direttament lill-konsumatur, jekk wieħed jassumi li l-importaturi, il-bejjiegħa bl-ingrossa u l-bejjiegħa bl-imnut jgħaddu l-ispiża addizzjonali kollha lill-konsumaturi finali. L-impatt tal-ispiża li jiġi kkalkulat b'dan il-mod huwa konsiderevolment iżjed baxx minn EUR 0,5 kull m^2. Qed jiġi mfakkar li r-Regolament provviżorju kkonkluda li l-konsum medju fis-sena tal-konsumatur medju huwa ta' madwar 2.2 m^2 kull persuna fl-Unjoni. Għalhekk, billi l-impatt tad-dazju kull metru kwadru huwa baxx, iż-żieda fl-ispiża probabbilment se tiġi limitata anki jekk il-konsumatur ikollu jixtri kwantità konsiderevoli tal-prodott ikkonċernat għal xogħol ta' bini jew rinnovazzjoni.

5. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(185) Jista' jiġi mistenni li l-effett tal-impożizzjoni ta' miżuri jassisti lill-industrija tal-Unjoni, b'effetti benefiċjali konsegwenti fuq il-kundizzjonijiet kompetittivi fuq is-suq tal-Unjoni u t-tnaqqis tat-theddida ta' għeluq u tnaqqis fin-numru ta' impjiegi.

▼B

(186) Barra dan, jista' jiġi mistenni li l-impożizzjoni tal-miżuri jkollha impatt limitat fuq l-utenti/importaturi, li jkollhom il-possibbiltà jakkwistaw minn firxa wiesgħa ta' forniturifis-suq tal-Unjoni u f'pajjiżi terzi oħra.

(187) Fid-dawl tal-argument preċedenti, ma jistax jiġi konkluż li l-impożizzjoni ta' miżuri tmur kontra l-interess tal-Unjoni.

G. MIŻURI DEFINITTIVI

1. Livell tal-eliminazzjoni tad-dannu

1.1. *Divulgazzjoni*

(188) Żewġ partijiet interessati sostnew li l-Kummissjoni kellha tiżvela l-marġni tal-bejgħ eċċessivament taħt il-prezz fir-Regolament provviżorju u waħda minnhom sostniet li n-nuqqas tad-divulgazzjoni ta' din id-dejta kien ifisser li l-partijiet interessati ma kinux kapaċi jivvalutaw jekk ir-regola dwar l-inqas dazju ġietx applikata tajjeb.

(189) Bħala tweġiba għal dan ta' hawn fuq, il-marġini provviżorji kienu dawn li ġejjin:

Kumpanija	Marġni tad-dannu
Group Wonderful	52,6 %
Group Xinruncheng	95,8 %
Shandong Yadi Ceramics Co. Ltd	72,1 %
Heyuan Becarry Ceramic Co. Ltd	73,9 %
Il-produtturi l-oħra kollha li qegħdin jikkooperaw	66,0 %
Residwu	95,8 %

1.2. *Il-marġni tad-dannu*

(190) Parti partikolari sostniet li l-Kummissjoni użat approċċ mhux konsistenti għad-determinazzjoni tad-dannu u kellha tibbaża l-konklużjonijiet tagħha fuq dejta medja peżata tal-industrija kollha.

(191) Rigward din l-affermazzjoni, qed jiġi nnotat li l-konklużjonijiet dwar il-livell tal-eliminazzjoni tad-dannu huma bbażati fuq dejta speċifika verifikata tal-kumpanija li kienet ikkunsidrata l-bażi l-iktar affidabbli sabiex jiġu kkunsidrati l-fatti kollha pertinenti għall-finijiet ta' paragun. Għalhekk din l-affermazzjoni kellha tiġi miċħuda.

(192) Fid-dawl tal-konklużjonijiet milħuqa rigward id-dumping, id-dannu li jirriżulta, il-kawżalità u l-interess tal-Unjoni, għandom jiġu imposti miżuri sabiex jiġi prevenut li jsir iżjed dannu lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet dumped miċ-Ċina.

(193) Sabiex jiġi stabbilit il-livell ta' dawn id-dazji, ġew ikkunsidrati l-marġini tad-dumping misjuba u l-ammont ta' dazju meħtieġ sabiex jiġi eliminat id-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(194) Għalhekk instab li kien xieraq li l-marġni tal-bejgħ eċċessivament taħt il-prezz jiġi kkalkulat fuq il-bażi tal-prezzijiet identifikati mid-dejta sottomessa mill-produtturi tal-Unjoni u l-esportaturi Ċiniżi.

▼B

(195) Meta kien qed jiġi kkalkulat l-ammont tad-dazju antidumping meħtieġ sabiex jitneħħew l-effetti tad-dumping li kien qed jikkawża d-dannu, ġie kkunsidrat li d-dazju kellu wkoll jiġi kkalkulat sabiex l-industrija tal-Unjoni tkun tista' tkopri l-ispejjeż tal-produzzjoni u tilħaq profitt raġjonevoli. Ġie kkunsidrat li dan il-profitt raġjonevoli, qabel it-taxxa, għandu jkun dak milħuq minn industrija ta' dan it-tip taħt kundizzjonijiet kompetittivi normali, jiġifieri fin-nuqqas ta' importazzjonijiet dumped, fuq il-bejgħ tal-prodott simili fl-Unjoni. Dan il-profitt ġie valutat b'referenza għall-profitabbiltà ta' 3,9 % li l-industrija tal-Unjoni laħqet fl-2007 kif imniżżel fid-dettall fit-Tabella 12 fir-Regolament provviżorju.

(196) Il-marġini tad-dannu stabbiliti huma dawn li ġejjin:

Kumpanija	Marġni tad-dannu
Group Wonderful	58,5 %
Group Xinruncheng	82,3 %
Shandong Yadi Ceramics Co. Ltd	66,6 %
Heyuan Becarry Ceramic Co. Ltd	58,6 %
Il-produtturi l-oħra kollha li qegħdin jikkooperaw	65,0 %
Residwu	82,3 %

(197) Qed jiġi nnotat li l-marġni tad-dannu għall-"produtturi l-oħra kollha li qegħdin jikkooperaw" ġie determinat mingħajr l-użu tad-dejta mill-Grupp Kito, billi l-Grupp Kito ma kienx jifforma parti mill-kampjun, u sabiex ikun hemm koerenza mal-mod kif il-marġni tad-dumping għall-"produtturi l-oħra kollha li qegħdin jikkopperaw" jiġi kkalkulat. (Ara l-Artikolu 9(6) l-ewwel sentenza tar-Regolament bażiku). Għall-Kito Group, fid-dawl tal-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku kif imsemmi fil-premessa (54), il-marġni residwali tad-dannu tapplika.

(198) Qed jiġi nnotat ukoll li l-marġini tal-bejgħ eċċessivament taħt il-prezz huma ogħla mill-marġini tad-dumping stabbiliti hawn fuq fil-premessi minn (88) sa (93) u għalhekk il-marġni tad-dumping għandu jservi bħala l-bażi sabiex jiġi stabbilit il-livell tad-dazju skont ir-regola dwar l-inqas dazju.

(199) Sabiex jiġi żgurat trattament ugwali bejn kwalunkwe produttur esportatur ġdid u l-kumpaniji li qegħdin jikkooperaw mhux inklużi fil-kampjun, imsemmija fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, għandu jsir provvediment għal dazju medju peżat impost fuq il-kumpaniji msemmija l-aħħar li għandu jiġi applikat għal kwalunkwe produttur ġdid li b'mod ieħor ma kienx ikun intitolat għal reviżjoni skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku, billi l-Artikolu 11(4) ma japplikax fejn ikun ġie applikat il-kampjunar.

2. **Dikjarazzjoni doganali**

(200) L-istatistika tal-prodott ikkonċernat tiġi espressa ta' spiss f'metri kwadri. Madankollu, ma teżistix unità supplimentari bħal din għall-prodott ikkonċernat speċifikat fin-Nomenklatura Magħquda stabbilita fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffi u

▼B

l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ([1]). Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi pprovdut mhux biss il-piż f'kilogrammi jew tunnellati iżda wkoll in-numru ta' metri kwadri tal-prodott ikkonċernat għall-importazzjonijiet għandu jiddaħħal fid-dikjarazzjoni għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa.

3. **Ġbir definittiv tad-dazju provviżorju**

(201) Fid-dawl tal-kobor tal-marġini tad-dumping misjuba u fid-dawl tal-livell tad-dannu kkawżat lill-industrija tal-Unjoni, qed jiġi kkunsidrat bħala meħtieġ li l-ammonti garantiti permezz tad-dazju antidumping provviżorju, impost bir-Regolament provviżorju jinġabar b'mod definittiv.

(202) Fejn id-dazji definittivi huma ogħla mid-dazji provviżorji, l-ammonti garantiti fil-livell tad-dazji provviżorji biss għandhom jinġabru b'mod definittiv, waqt li l-ammonti żejda garantiti mir-rata definittiva tad-dazji antidumping għandhom jiġu rilaxxati.

4. **Forma tal-miżuri**

(203) Parti interessata partikolari ssuġġeriet li l-miżuri jieħdu l-forma ta' prezz minimu tal-importazzjoni (il-PMI) minflok ta' dazji *ad-valorem*. Madankollu, il-PMI mhuwiex adatt għall-prodott ikkonċernat billi jeżisti f'ammont kbir ta' tipi ta' prodott, li għalihom il-prezzijiet ivarjaw b'mod sinifikanti, u għalhekk joħolqu riskju sostanzjali ta' kumpens trażversali. Barra dan, huwa mistenni li t-tipi ta' prodott jevolvu iżjed fid-disinn u l-irfinar u li l-PMI ma jibqax jipprovdi l-bażi xierqa għal-livell tad-dazju. Għalhekk, it-talba li jiġu imposti miżuri taħt il-forma ta' PMI qiegħda tiġi miċħuda.

(204) Parti oħra talbet li l-miżuri għandhom jieħdu l-forma ta' kwoti fuq l-importazzjonijiet. Madankollu, il-kwoti fuq l-importazzjonijiet la huma konformi mar-Regolament bażiku u lanqas mar-regoli miftiehma fuq livell internazzjonali. Għalhekk it-talba kellha tiġi miċħuda,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Huwa b'dan impost dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċangaturi u ċangar taċ-ċeramika gglejżjat u mhux igglejżjat, madum tal-qiegħ tal-fuklar jew tal-ħitan; kubi tal-mużajk taċ-ċeramika gglejżjati u mhux igglejżjati u dawk simili, kemm fuq saff kif ukoll mhux fuq saff, li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċi NM 6907 10 00, 6907 90 20, 6907 90 80, 6908 10 00, 6908 90 11, 6908 90 20, 6908 90 31, 6908 90 51, 6908 90 91, 6908 90 93 u 6908 90 99, u li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

2. Ir-rata tad-dazju antidumping definittiv applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodotti deskritti fil-paragrafu 1 u manifatturati mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandha tkun din li ġejja:

Kumpanija	Dazju	Kodiċi Addizzjonali TARIC
Dongguan City Wonderful Ceramics Industrial Park Co. Ltd, Guangdong Jiamei Ceramics Co. Ltd, Qingyuan Gani Ceramics Co. Ltd, Foshan Gani Ceramics Co. Ltd	26,3 %	B011

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

▼B

Kumpanija	Dazju	Kodiċi Addizzjonali TARIC
Guangdong Xinruncheng Ceramics Co. Ltd	29,3 %	B009
Shandong Yadi Ceramics Co Ltd	36,5 %	B010
Il-kumpaniji elenkati fl-Anness I	30,6 %	
Il-kumpaniji l-oħra kollha	69,7 %	B999

3. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha ssir bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li għandha tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II. Jekk ma tiġi ppreżentata ebda fattura bħal din, għandu japplika d-dazju applikabbli lill-kumpaniji l-oħra kollha.

4. Sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

L-ammonti garantiti permezz ta' dazji provviżorji tal-antidumping skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 258/2011 li jimponi dazji provviżorju tal-antidumping fuq l-importazzjonijiet tal-madum taċ-ċeramika li jaqa' taħt il-kodiċi NM 6907 10 00, 6907 90 20, 6907 90 80, 6908 10 00, 6908 90 11, 6908 90 20, 6908 90 31, 6908 90 51, 6908 90 91, 6908 90 93 u 6908 90 99 u li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għandhom jinġabru b'mod definittiv. L-ammonti żejda garantiti tal-ammont tad-dazji antidumping definittivi għandhom jiġu rilaxxati.

Artikolu 3

Fejn kwalunkwe produttur mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina jipprovdi evidenza biżżejjed lill-Kummissjoni li ma esportax il-merkanzija deskritta fl-Artikolu 1(1) li toriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina waqt il-perjodu tal-investigazzjoni (mill-1 ta' April 2009 sal-31 ta' Marzu 2010), li mhuwiex relatat ma' esportatur jew produttur soġġett għall-miżuri imposti minn dan ir-Regolament u li jew effettivament esporta l-merkanzija kkonċernata jew daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli li jesporta kwantità sinifikanti lejn l-Unjoni wara li jkun spiċċa l-perjodu tal-investigazzjoni, il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza sempliċi fuq proposta magħmula mill-Kummissjoni, wara li jikkonsulta l-Kumitat Konsultattiv, jista' jemenda l-Artikolu 1(2) sabiex jattribwixxi lil dak il-produttur id-dazju applikabbli għall-produtturi li qegħdin jikkooperaw li mhumiex fil-kampjun, jiġifieri 30,6 %.

Artikolu 4

Fejn tiġi ppreżentata dikjarazzjoni għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa rigward il-prodotti msemmija fl-Artikolu 1, in-numru ta' metri kwadri tal-prodotti impurtati għandu jiddaħħal fil-qasam rilevanti ta' dik id-dikjarazzjoni.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

PRODUTTURI ĊINIŻI LI JIKKOOPERAW U MHUMIEX INKLUŻI FIL-KAMPJUN JEW LI MA NGHATAWX TRATTAMENT INDIVIDWALI

Isem:	Kodiċi addizzjonali TARIC
Dongguan He Mei Ceramics Co. Ltd	B132
Dongpeng Ceramic (Qingyuan) Co. Ltd	B133
Eagle Brand Ceramics Industrial (Heyuan) Co. Ltd	B134
Enping City Huachang Ceramic Co. Ltd	B135
Enping Huiying Ceramics Industry Co. Ltd	B136
Enping Yungo Ceramic Co. Ltd	B137
Foshan Aoling Jinggong Ceramics Co. Ltd	B138
Foshan Bailifeng Building Materials Co. Ltd	B139
Foshan Bragi Ceramic Co. Ltd	B140
Foshan City Fangyuan Ceramic Co. Ltd	B141
Foshan Gaoming Shuncheng Ceramic Co. Ltd	B142
Foshan Gaoming Yaju Ceramics Co. Ltd	B143
Foshan Guanzhu Ceramics Co. Ltd	B144
Foshan Huashengchang Ceramic Co. Ltd	B145
Foshan Jiajun Ceramics Co. Ltd	B146
Foshan Mingzhao Technology Development Co. Ltd	B147
Foshan Nanhai Jingye Ceramics Co. Ltd	B148
Foshan Nanhai Shengdige Decoration Material Co. Ltd	B149
Foshan Nanhai Xiaotang Jinzun Border Factory Co. Ltd	B150
Foshan Nanhai Yonghong Ceramic Co. Ltd	B151
Foshan Oceanland Ceramics Co. Ltd	B152
Foshan Oceano Ceramics Co. Ltd	B153
Foshan Sanshui Hongyuan Ceramics Enterprise Co. Ltd	B154
Foshan Sanshui Huiwanjia Ceramics Co. Ltd	B155
Foshan Sanshui New Pearl Construction Ceramics Industrial Co. Ltd	B156
Foshan Shiwan Eagle Brand Ceramic Ltd	B157
Foshan Shiwan Yulong Ceramics Co. Ltd	B158
Foshan Summit Ceramics Co. Ltd	B159
Foshan Tidiy Ceramics Co. Ltd	B160
Foshan VIGORBOOM Ceramic Co. Ltd	B161
Foshan Xingtai Ceramics Co. Ltd	B162
Foshan Zhuyangyang Ceramics Co. Ltd	B163
Fujian Fuzhou Zhongxin Ceramics Co. Ltd	B164
Fujian Jinjiang Lianxing Building Material Co. Ltd	B165
Fujian Minqing Jiali Ceramics Co. Ltd	B166
Fujian Minqing Ruimei Ceramics Co. Ltd	B167

▼B

Isem:	Kodiċi addizzjonali TARIC
Fujian Minqing Shuangxing Ceramics Co. Ltd	B168
Gaoyao Yushan Ceramics Industry Co. Ltd	B169
Guangdong Bode Fine Building Materials Co. Ltd	B170
Guangdong Foshan Redpearl Building Material Co. Ltd	B171
Guangdong Gold Medal Ceramics Co. Ltd	B172
Guangdong Grifine Ceramics Co. Ltd	B173
Guangdong Homeway Ceramics Industry Co. Ltd	B174
Guangdong Huiya Ceramics Co. Ltd	B175
Guangdong Juimsi Ceramics Co. Ltd	B176
Guangdong Kaiping Tilee's Building Materials Co. Ltd	B177
Guangdong Kingdom Ceramics Co. Ltd	B178
Guangdong Monalisa Ceramics Co. Ltd	B179
Guangdong New Zhong Yuan Ceramics Co. Ltd Shunde Yuezhong Branch	B180
Guangdong Ouya Ceramics Co. Ltd	B181
Guangdong Overland Ceramics Co. Ltd	B182
Guangdong Qianghui (QHTC) Ceramics Co. Ltd	B183
Guangdong Sihui Kedi Ceramics Co. Ltd	B184
Guangdong Summit Ceramics Co. Ltd	B185
Guangdong Tianbi Ceramics Co. Ltd	B186
Guangdong Winto Ceramics Co. Ltd	B187
Guangdong Xinghui Ceramics Group Co. Ltd	B188
Guangning County Oudian Art Ceramic Co. Ltd	B189
Guangzhou Cowin Ceramics Co. Ltd	B190
Hangzhou Nabel Ceramics Co. Ltd	B191
Hangzhou Nabel Group Co. Ltd	B192
Hangzhou Venice Ceramics Co. Ltd	B193
Heyuan Becarry Ceramics Co. Ltd	B194
Heyuan Wanfeng Ceramics Co. Ltd	B195
Hitom Ceramics Co. Ltd	B196
Huiyang Kingtile Ceramics Co. Ltd	B197
Jiangxi Ouya Ceramics Co. Ltd	B198
Jingdezhen Tidiy Ceramics Co. Ltd	B199
Kim Hin Ceramics (Shanghai) Co. Ltd	B200
Lixian Xinpeng Ceramic Co. Ltd	B201
Louis Valentino (Inner Mongolia) Ceramic Co. Ltd	B202
Louvrenike (Foshan) Ceramics Co. Ltd	B203
Nabel Ceramics (Jiujiang City) Co. Ltd	B204
▼M1	
Onna Ceramic Industries (iċ-Ċina) Co., Ltd	B293
▼B	
Ordos Xinghui Ceramics Co. Ltd	B205

▼B

Isem:	Kodiċi addizzjonali TARIC
Qingdao Diya Ceramics Co. Ltd	B206
Qingyuan Guanxingwang Ceramics Co. Ltd	B207
Qingyuan Oudian Art Ceramic Co. Ltd	B208
Qingyuan Ouya Ceramics Co. Ltd	B209
RAK (Gaoyao) Ceramics Co. Ltd	B210
Shandong ASA Ceramic Co. Ltd	B211
Shandong Dongpeng Ceramic Co. Ltd	B212
Shandong Jialiya Ceramic Co. Ltd	B213
Shanghai Cimic Tile Co. Ltd	B214
Sinyih Ceramic (China) Co. Ltd	B215
Sinyih Ceramic (Penglai) Co. Ltd	B216
Southern Building Materials and Sanitary Co. Ltd of Qingyuan	B217
Tangshan Huida Ceramic Group Co. Ltd	B218
Tangshan Huida Ceramic Group Huiquin Co. Ltd	B219
Tegaote Ceramics Co. Ltd	B220
Tianjin (TEDA) Honghui Industry & Trade Co. Ltd	B221
Topbro Ceramics Co. Ltd	B222
Xingning Christ Craftworks Co. Ltd	B223
Zhao Qing City Shenghui Ceramics Co. Ltd	B224
Zhaoqing Jin Ouya Ceramics Company Limited	B225
Zhaoqing Zhongheng Ceramics Co. Ltd	B226
Zibo Hualiansheng Ceramics Co. Ltd	B227
Zibo Huaruinuo Ceramics Co. Ltd	B228
Shandong Tongyi Ceramics Co. Ltd	B229

▼B

ANNESS II

Fuq il-fattura kummerċjali valida msemmija fl-Artikolu 1(3) għandha tidher dikjarazzjoni ffirmata minn uffiċjal tal-entità li tkun qiegħda toħroġ il-fattura kummerċjali, fil-format li ġej:

1. Isem u l-funzjoni tal-uffiċjal tal-entità li tkun qiegħda toħroġ il-fattura kummerċjali.

2. Id-dikjarazzjoni li ġejja:

   "Jiena, li qed niffirma hawn taħt, niċċertifika li l-(volum) tal-madum taċ-ċeramika mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea kopert b'din il-fattura ġie manifatturat minn (isem il-kumpanija u l-post irreġistrat) (kodiċi addizzjonali TARIC) fi (pajjiż ikkonċernat). Jiena niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-fattura hija kompluta u korretta.

   (Data u firma)"